

Brussell, 14 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10167/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0227 (COD)

TELECOM 189	CYBER 141
AUDIO 52	JAI 649
CULT 79	DIGIT 133
EDUC 260	DATAPROTECT 131
COMPET 457	DAPIX 194
RECH 293	FREMP 107
IND 170	RELEX 559
MI 472	CADREFIN 110
ESPACE 31	CODEC 1075

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 434 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 434 final.

Mehmuż: COM(2018) 434 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 434 final

2018/0227 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027

{SEC(2018) 289 final} - {SWD(2018) 305 final} - {SWD(2018) 306 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

• Raġunijiet u għanijiet

It-trasformazzjoni diġitali tħalli impatt fuq is-setturi kollha tal-ekonomija u tittrasforma l-mod kif ngħixu, naħdmu u nikkomunikaw. Bl-istess mod kif it-trasport, l-infrastruttura industrijali, l-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja tagħna żguraw il-prosperità tal-Ewropa fil-passat, l-investimenti f'kapaċitajiet u f'infrastrutturi diġitali strateġiċi, it-titjib tal-ħiliet u l-modernizzar tal-interazzjoni bejn il-gvernijiet u ċ-ċittadini se jsejsu l-prosperità futura tagħna.

Il-qafas ta' investiment attwali tal-UE jkopri aspetti importanti ta' dawn il-pilastri u b'mod partikolari r-riċerka u l-innovazzjoni.¹ Madankollu, it-tagħlimiet miksuba minn politiki pubbliċi li mnexxew għal oqsma ta' teknoloġija avvanzata juru li, flimkien mar-riċerka u l-innovazzjoni, azzjoni pubblika biex jiġi appoġġat id-“dħul upstream” f'oqsma ta' teknoloġija li qegħdin jiżviluppaw b'mod rapidu tista' tkun strumentali biex jiġi ġġenerat il-valur filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-settur pubbliku.

Fil-fatt dan huwa l-każ għall-oqsma ewlenin li jsejsu t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà għal minn tal-inqas l-għaxar snin li ġejjin, jiġifieri l-computing avvanzat u l-ġestjoni tad-data, iċ-ċibersigurtà, u l-intelliġenza artifiċjali. L-investiment biex jinkisbu l-aktar kapaċitajiet avvanzati f'dawn l-oqsma u biex jiġi żgurat l-aħjar użu tagħhom b'mod interoperabbli fl-UE kollha se jagħti spinta essenzjali lid-diġitalizzazzjoni tal-oqsma ta' interess pubbliku u tal-industrija tagħna.

Fl-Ewropa, din id-diskrepanza fl-investiment upstream, flimkien mar-riċerka u l-innovazzjoni, hija evidenti mill-ispariġġ bejn id-domanda li dejjem tiżdied għall-aħħar teknoloġija u l-provvista. Fil-computing ta' prestazzjoni għolja, il-provvista insuffiċjenti qiegħda timbotta lix-xjenzati u lill-inġiniera tal-UE biex jirrikorru fi kwantitajiet kbar lejn riżorsi ta' computing barra mill-Ewropa, b'mod partikolari lejn l-Istati Uniti, fejn il-programmi tal-gvern iżommu provvista għal computing ta' livell għoli fil-fruntiera tal-prestazzjoni².

L-Ewropa hija wkoll komunità minn ta' quddiem nett fid-dinja fejn tidħol ir-riċerka fl-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll tospita kumpaniji żgħar li jipprovdu għarfien espert dwar l-intelliġenza artifiċjali, iżda s-suq tagħha tal-intelliġenza artifiċjali huwa sottożviluppat meta mqabbel mal-Istati Uniti, fejn il-kapaċitajiet disponibbli, b'mod partikolari fid-data, jipprovdu l-kundizzjonijiet għal innovazzjoni fuq skala.

Il-frammentazzjoni u l-investiment pubbliku relattivament baxx fiċ-ċibersigurtà³ qiegħed ipogħi s-soċjetà u l-ekonomija tagħna f'riskju filwaqt li l-industrija ċibernetika Ewropea tibqa' mferxa sew, mingħajr parteċipanti ewlenin fis-suq⁴. Impjiegi ta' esperti tekniċi b'ħiliet

¹ Appoġġ għal riċerka u innovazzjoni fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni li jmiss, appoġġ għal proġetti ta' infrastruttura diġitali taħt is-CEF u appoġġ għall-Midja taħt il-Programm Ewropa Kreattiva.

² L-UE bħalissa tikkonsma terz tar-riżorsi ta' computing ta' prestazzjoni għolja globali, iżda tipprovdi madwar 5% biss (Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (2017) Developing Supercomputers in Europe, p. 3).

³ L-investiment pubbliku attwali fl-UE fiċ-ċibersigurtà huwa stmat li huwa bejn 1 u 2 B€ fis-sena filwaqt li l-investimenti fl-Istati Uniti huma kważi għaxar darbiet ogħla.

⁴ Building an Effective European Cyber Shield (“Nibnu Tarka Ċibernetika Ewropea Effettiva”), ĊESP, 2017. L-istess rapport isemmi li d-dominanza tal-Istati Uniti parzjalment hija r-riżultat ta' strateġija ta' investiment fiċ-ċibersigurtà li rat il-finanzjament federali jżied għal 19-il biljun dollaru Amerikan fl-2017 – żieda ta' 35% meta mqabbel mal-2016.

għoljin f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, l-analitika tad-data u ċ-ċibersigurtà mhumiex mimlija - bħalissa hemm aktar minn 350,000 post vakanti tal-UE f'dawn l-oqsma.⁵

L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali (DSM) stabbilixxiet qafas robust, li issa jrid jiġi akkompanjat bi programm ta' investiment daqstant robust. Dan ġie approvat fl-ogħla livell politiku. F'Tallinn, il-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern identifikaw il-pilastru ewleni ta' ekonomija diġitali b'saħħitha: iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-infrastruttura ta' klassi mondjali li tinkludi computing ta' prestazzjoni għolja, il-ħiliet diġitali, u t-trasformazzjoni diġitali tas-settur pubbliku.⁶ Dan ġie rifless fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2017. Minn dakinhar, diversi formazzjonijiet tal-Kunsill iddiskutew il-kwistjoni tal-bini ta' kapacià diġitali b'saħħitha fl-UE. Fil-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali⁷, il-Kummissjoni enfasizzat ix-xenarju **tal-irduppar tal-investimenti** fil-qasam diġitali.

Dan il-Memorandum jakkumpanja l-proposta għal **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm ġdid iddedikat għaż-żieda u l-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u n-negozji kollha Ewropej** (il-programm Ewropa Diġitali).

Il-programm Ewropa Diġitali huwa element ċentrali tar-risposta komprensiva tal-Kummissjoni għall-isfida tat-trasformazzjoni diġitali, li jagħmel parti mill-proposta tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi strument ta' nfiq li jkun imfassal għar-rekwiżiti operazzjonali tal-bini ta' kapacià fl-oqsma identifikati mill-Kunsill Ewropew, u li jiġu sfruttati s-sinerġiji ta' bejniethom.

Għalhekk, huwa se jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaciàtjiet tal-Ewropa fil-**computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u ħiliet diġitali avvanzati**⁸ u li jiġi żgurat l-użu wiesa' tagħhom fl-ekonomija u fis-soċjetà. Imrawma fl-istess ħin, dawn se jgħinu joħolqu ekonomija b'saħħitha xprunata mid-data, jippromwovu l-inklussività u jiżguraw ħoqien tal-valur.⁹ Jekk wieħed mill-pilastru jiġi injorat jew jiddgħajjef, il-konstruzzjoni sħiħa ser tiġi mminata peress li dawn huma interkonnessi mill-qrib u interdipendenti: pereżempju, l-intelliġenza artifiċjali għandha bżonn iċ-ċibersigurtà biex tgawdi l-fiduċja, iċ-ċibersigurtà għandha bżonn il-computing ta' prestazzjoni għolja biex tipproċessa l-ammont massiv ta' data biex tkun sikura, is-servizzi diġitali sal-istandards futuri għandhom bżonn it-tliet kapaciàtjiet kollha; fl-aħħar nett, dan kollu ta' hawn fuq għandu bżonn il-ħiliet xierqa avvanzati. Aktar importanti minn hekk, il-programm se jikkonċentra fuq l-oqsma fejn l-ebda Stat Membru uniku waħdu ma jista' jiżgura l-livell meħtieġ għal suċċess diġitali. Se tipoġġa wkoll enfasi fuq daww l-oqsma fejn l-infiq pubbliku għandu l-ogħla impatt, b'mod partikolari fuq it-tijib tal-effiċjenza u tal-kwalità tas-servizzi **fl-oqsma ta' interess pubbliku** bħas-servizzi tas-saħħa, tal-ġustizzja, tal-protezzjoni tal-konsumaturi u s-servizzi pubbliċi, u biex Intrapriżi żgħar u medji (l-SMEs) jingħataw għajjnuna biex jadattaw għal bidla diġitali.

⁵ Analiżi tal-postijiet batta f'7 Stati Membri tal-UE, minn Victory Database.

⁶ Summit Diġitali ta' Tallinn, Konklużjonijiet tal-Prim Ministru tal-Estonja, Juri Ratas.

⁷ COM (2018)98: Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020.

⁸ Fil-kuntest ta' dan il-programm, ħiliet diġitali avvanzati huma definiti fl-Artikolu 2(e) partikolarment bħala ħiliet speċjalizzati fil-qasam tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà fil-livell 4 tal-ISCED u ogħla.

⁹ Pereżempju, it-tneġġja tal-fatturar elettroniku madwar l-UE tfisser l-għoti ta' servizzi pubbliċi diġitali lil kumpaniji li għandhom il-konnettività u l-ħaddiema tas-sengħa meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata fiduċja pubblika u b'hekk appoġġ għat-tranżazzjonijiet f'ambjent sigur.

Il-programm se jikkunsidra wkoll il-valur miżjud ta' li kieku l-qasam diġitali jitħallat ma' teknoloġiji abilitanti oħrajn sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji mid-diġitalizzazzjoni.

Il-programm se jkollu l-għan li:

- Jibni u jsaħħaħ il-**computing ta' prestazzjoni għolja** tal-UE u l-kapaċitajiet tal-ipproċessar tad-data, u jiżgura l-użu wiesa' tagħhom kemm f'oqsma ta' interess pubbliku bħas-saħħa, l-ambjent u s-sigurtà, kif ukoll mill-industrija, l-aktar l-SMEs.
- Jibni u jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' **intelliġenza artifiċjali (IA)** ewlenin bħal riżorsi tad-data u repożitorji tal-algoritmi tal-intelliġenza artifiċjali u jagħmilhom aċċessibbli għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha, u jsaħħaħ u jrawwem rabtiet bejn il-faċilitazzjonijiet tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni tal-l-intelliġenza artifiċjali eżistenti fl-Istati Membri, b'enfasi fuq l-ittestjar u l-esperimentazzjoni.
- Jiżgura li l-kapaċitajiet essenzzjali meħtieġa biex tiġi żgurata l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tal-UE huma preżenti u aċċessibbli għas-settur pubbliku u għan-negozji fl-UE, u jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija taċ-**ċibersigurtà** tal-UE.
- Jiżgura li l-forza tax-xogħol attwali u futura tkun tista' tikseb faċilment **ħiliet diġitali avvanzati, l-aktar fl-computing ta' prestazzjoni għolja, fl-Intelliġenza artifiċjali u fiċ-ċibersigurtà**, billi joffri lill-istudenti, lill-gradwati, u lill-ħaddiema eżistenti l-mezzi biex jiksbu u jiżviluppaw dawn il-ħiliet, irrispettivament mill-post li jinsabu fih.
- Jespandi l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali b'mod partikolari l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-**ċibersigurtà** fl-ekonomija, f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-soċjetà, inkluża l-iskjerament ta' **servizzi interoperabbli f'oqsma ta' interess pubbliku** u jiffaċilita l-aċċess għat-teknoloġija u l-għarfien espert **lin-negozji kollha, b'mod partikolari l-SMEs**.
- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Il-Programm se jappoġġa, fost l-oħrajn, l-inizjattivi ta' politika mħabbra mill-Kummissjoni dwar computing ta' prestazzjoni għolja skont l-inizjattiva Euro HPC¹⁰, il-Pjan ta' Azzjoni FinTech ta' Marzu 2018¹¹, l-intelliġenza artifiċjali skont il-Komunikazzjoni dwar l-l-intelliġenza artifiċjali¹², ir-Regolament dwar il-promozzjoni tal-ġustizzja u tat-trasparenza għan-negozji li jużaw servizzi ta' intermedjazzjoni online u Deċiżjoni li tistabbilixxi Osservatorju dwar Pjattaforma tal-Ekonomija Online ta' April 2018¹³, u l-pakkett tad-data ta' April 2018¹⁴, iċ-**ċibersigurtà** skont il-pakkett dwar iċ-**ċibersigurtà** tal-15/9/2017¹⁵, it-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa¹⁶ u tal-edukazzjoni¹⁷, l-Istrateġija għall-Politika Industrijali l-Ġdida ta' Settembru 2017¹⁸ u d-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea ta' April 2016¹⁹.

¹⁰ Inizjattiva HPC Euro

¹¹ COM(2018) 109 final, tat-8.3.2018, Pjan ta' Azzjoni tal-FinTech: Għal settur finanzjarju Ewropew iktar kompetittiv u innovattiv

¹² Komunikazzjoni tal-25/04/2018

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)2393 final tas-26.4.2018 dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti għall-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online

¹⁴ SWD/2018/125 finali

¹⁵ COM(2017) 477 final, tat-13.9.2017, Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà" li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà")

¹⁶ COM (2018) 233 final, tal-25.4.2018 dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali; l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u t-tiswir ta' soċjetà aktar b'saħħitha

¹⁷ COM(2018) 22 final, tat-8.3.2018, Pjan ta' Azzjoni tal-FinTech:

¹⁸ COM(2017) 479 final, tal-13.9.2017, Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-Politika Industrijali tal-UE

¹⁹ COM(2016) 180 final, tad-19.4.2016, "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea - Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali"

Il-Programm huwa marbut ma' strumenti ta' investiment eżistenti. L-investiment tar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni (RŻI) f'teknoloġiji diġitali li sar skont l-H2020 u l-Programmi Qafas preċedenti ppermettew lill-Ewropa tibqa' kompetittiva f'setturi ewlenin biex isservi bħala bażi għall-futur, eż. ir-robotika, it-tagħmir tat-telekomunikazzjoni, u t-teknoloġija tas-sensuri. Il-finanzjament għar-RŻI issa jeħtieġ li jtkompla u jissaħħa fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Il-programm Ewropa Diġitali jibni b'mod ċar fuq is-suċċessi tal-programm H2020 li jagħmel l-iskjerament ta' teknoloġiji bħall-computing ta' prestazzjoni għolja u l-intelliġenza artifiċjali possibbli.

Investimenti f'oqfsa, standards, soluzzjonijiet interoperabbli u servizzi transfruntiera pilota taħt il-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u l-programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA²) ippermettew lill-amministrazzjonijiet tas-settur pubbliku biex jittestjaw it-trasformazzjoni diġitali f'ambjent "reali" u li jibdew jinbidlu minn gvern elettroniku għal gvern diġitali²⁰. L-iskjerament ta' soluzzjonijiet interoperabbli fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali wera l-valur ta' azzjoni fil-livell tal-UE. Dawn huma kisbiet importanti li għandhom iservu bħala bażi għal implimentazzjoni fuq skala usa' ta' servizzi diġitali interoperabbli madwar l-Ewropa. Il-programm se jibni fuq l-Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali miksubin skjerati taħt il-programm tas-CEF attwali u se jappoġġa l-evoluzzjoni ulterjuri u l-implimentazzjoni usa' tal-elementi ta' politika bħalma huma l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-programm Ewropa Diġitali jikkomplimenta u jaħdem flimkien ma' għadd ta' strumenti oħrajn proposti fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020, b'mod partikolari: Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), il-Fond tal-Valuri tal-UE, Ewropa Kreattiva (inkluż il-programm Media), il-Fond InvestEU, COSME, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew + (inklużi l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, il-qasam tas-saħħa u l-ħiliet diġitali bażiċi), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), Erasmus, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati), il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Fond għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (inkluż għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Is-sinerġiji bejn il-programmi se jippermettu l-ekonomiji ta' skala, jagħmlu l-investimenti aktar konsistenti u jipprovdu valur aħjar għaċ-ċittadini u għall-atturi ekonomiċi. Dawn se jamplifikaw l-impatt tal-investimenti diġitali fil-livell tal-UE fil-prattika, filwaqt li investiment diġitali nazzjonali u reġjonali se jkun jista' jikkomplimenta aħjar l-azzjoni fil-livell tal-UE.

Billi żżid l-impatt u l-effikaċja tal-fondi pubbliċi permezz ta' konnessjonijiet prattiċi bejn il-programmi differenti, l-UE ser tindirizza l-isfidi diġitali b'mod aktar immirat u b'mod issimplifikat, tibni jew tirrinforza l-ekosistemi li jsostnu d-diġitalizzazzjoni, toħloq aktar impjiegi, iżżid it-tkabbir u tagħti spinta lill-kompetittività. Matul l-implimentazzjoni tal-programm Ewropea Diġitali, se tingħata attenzjoni lill-preżervazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

It-taqsimha t'hawn taħt tippreżenta fil-qosor il-kumplementarjetajiet u s-sinerġiji ewlenin bejn il-programm Ewropa Diġitali u l-istrumenti li huma l-aktar rilevanti fil-kuntest diġitali, b'mod partikolari Orizzont Ewropa, l-FNE, il-FEŻR u l-programm tal-Valuri tal-UE, kif ukoll il-programm tas-Suq Intern.

²⁰

<http://www.oecd.org/gov/digital-government/Recommendation-digital-government-strategies.pdf>

Diversi oqsma tematiċi indirizzati minn **Orizzont Ewropa** u Ewropa Diġitali l-programm jikkoinċidu kemm se jkopri l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà; it-tip ta' azzjonijiet li jridu jiġu appoġġati, l-outputs mistennija tagħhom u l-loġika ta' intervent tagħhom huma differenti u komplimentari; Orizzont Ewropa se tkun l-uniku programm tal-UE ġestit ċentralment li jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-programm prinċipali għal dimostrazzjoni, pilotaġġ, prova tal-kunċett, ittestjar u innovazzjoni inkluż skjerament prekommerċjali. Min-naħa l-oħra, il-programm Ewropa Diġitali se jiffoka fuq kapaċità diġitali u bini ta' infrastruttura fuq skala kbira li jkollhom l-għan li jadottaw u jużaw b'mod mifruq fl-Ewropa kollha soluzzjonijiet diġitali innovattivi kritiċi eżistenti jew ittestjati.

Bħala eżempju tas-sinerġiji tagħhom: teknoloġiji diġitali ġodda żviluppata minn Orizzont Ewropa se jiġu adottati u mnedija progressivament minn Ewropa Diġitali. Bl-istess mod, il-kapaċitajiet u l-infrastrutturi żviluppata taħt Ewropa Diġitali se jsiru disponibbli lill-komunità tar-R&I, inkluż għal attivitajiet appoġġati permezz ta' Orizzont Ewropa. L-inizjattivi ta' Orizzont Ewropa għall-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi dawk li jingħataw fiċ-ċentri ta' kollokazzjoni tal-EIT-Diġitali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, għandhom jiġu kkomplimentati minn bini ta' kapaċità fil-ħiliet diġitali avvanzati appoġġat mill-Ewropa Diġitali. In-nodi tal-EIT jiġbru flimkien studenti, riċerkaturi, inġiniera u żviluppaturi tan-negozju biex jikkodisinjaw u jikkollaboraw fuq l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni u ħolqien ta' negozju u appoġġ. Sabiex jiġu żgurati mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'saħħithom għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni, l-proċeduri ta' operazzjoni għaż-żewġ programmi se jiġu allinjati.

Il-programm Ewropa Diġitali jikkomplimenta l-azzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu ħiliet diġitali avvanzati għall-oqsma tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-analitika tal-big data, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji tar-reġistru distribwit, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se tipprovdi l-infrastruttura fiżika meħtieġa għan-netwerks tal-broadband ta' kapaċità għolja biex jippermettu l-iskjerament ta' servizzi diġitali u teknoloġiji proposti fil-programm Ewropa Diġitali. Peress li s-CEF se tappoġġa infrastrutturi kruċjali fis-setturi kollha li jeħtieġu l-livell xieraq ta' ċibersigurtà, għaldaqstant din se tiddependi fuq l-iskjeramenti li jkunu saru skont l-Ewropa Diġitali. Fil-futur, il-programm Ewropa Diġitali biss se jappoġġa l-iskjerament tas-servizzi diġitali fl-oqsma ta' interess pubbliku.

Il-FEŻR għandu l-għan li jrawwem il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fir-reġjuni kollha tal-UE b'enfasi fuq ir-reġjuni inqas żviluppata. Il-FEŻR irawwem żvilupp ekonomiku mmexxi mill-innovazzjoni li jinvolvi d-diġitalizzazzjoni tal-industrija kif stabbilit fl-istrategġija ta' speċjalizzazzjoni intelligenti²¹ (inklużi investimenti komplimentari fil-bini u fit-titjib tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali). Il-FEŻR jappoġġa wkoll l-iskjerament ta' soluzzjonijiet diġitali, inkluża ċ-ċibersigurtà, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-prioritajiet tal-UE fl-oqsma tal-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, it-trasport sostenibbli, it-titjib tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u l-edukazzjoni²². Permezz ta' dan, huwa jikkontribwixxi għall-finalizzazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali, b'mod partikolari fil-livelli reġionali u lokali. L-Ewropa Diġitali se jikkomplimenta

²¹ COM(2017) 376 final "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strategġija għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"

²² COM(2018) 372 final "Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali u l-Fond ta' Koeżjoni" id-29 ta' Mejju 2018

investimenti lokali biex jinfetħu faċilitajiet għall-bqija tal-Ewropa permezz ta' networking u mmappjar tal-kapaċitajiet diġitali.

Barra minn dan, l-Ewropa Diġitali se tikkontribwixxi b'mod indirett għall-ksib tal-għanijiet tal-komunikazzjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"²³, li tagħraf li l-aċċessibbiltà u l-ħiliet diġitali huma kundizzjonijiet ewlenin għall-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni.

Hemm sinerġiji ċari bejn il-programm Ewropa Diġitali u l-Programm **Ewropa Kreattiva**, b'mod partikolari fl-oqsma MEDIA u transsettorjali tiegħu. MEDIA jappoġġa azzjonijiet immirati (eż. l-aċċess għall-kontenut, it-trawwim u l-iżvilupp tal-udjenza), li b'hekk jappoġġa l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur awdjoviżiv u l-adattament tagħhom għall-ambjent diġitali. Il-qasam transsettorjali jimmira, fost prijoritajiet oħrajn, lejn fehim aħjar tad-dinamika tal-midja diġitali u lejn it-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-midja tal-aħbarijiet Ewropew. Il-programm Ewropa Diġitali se jappoġġa wkoll lil dawn l-oqsma billi jipprovdi aċċess wiesa' għal teknoloġiji avvanzati, standards (fejn meħtieġ) u l-infrastruttura meħtieġa għall-bini ta' kapaċità.

Għandha tiġi mfittxija koerenza bejn il-**programm Ewropa Diġitali** u l-programm tas-Suq Intern. Pereżempju, il-protezzjoni tal-konsumatur għandha tinkiseb fit-tfassil, b'mod partikolari fejn tidħol is-sigurtà tal-prodotti fir-rigward tal-ekonomija diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-intelliġenza artifiċjali. Iż-żewġ programmi għandhom ikunu kumplementarji meta jiġu kkunsidrati l-entitajiet involuti u t-tip ta' riskji ġodda ppreżentati minn dawn it-teknoloġiji emerġenti. Ir-riċerka fi swieq diġitali mwettqa miż-żewġ programmi għandha tagħti appoġġ reċiproku wkoll.

Il-Programm Ewropa Diġitali se jippromwovi l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati, b'enfasi fuq daww relatati mal-ambitu tiegħu, jiġifieri iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali u l-computing ta' prestazzjoni għolja. Bħala tali se jkun komplementari għall-**Fond Soċjali Ewropew Plus**, li se jappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-qasam tal-ħiliet bażiċi u medji, u l-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**, li se jiffinanzja t-taħriġ tal-IT għall-ħaddiema li nġatatilhom is-sensja fil-livelli kollha tal-ħiliet.

Is-sinerġiji u l-komplimentarjetajiet bejn il-Programm Ewropa Diġitali u l-Programm **Erasmus** jeħtieġ li jkun żgurati għall-benefiċċji taż-żewġ programmi. Il-programm Erasmus jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-akkwist ta' ħiliet permezz tal-mobilità għall-apprendiment u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport.

Finalment, f'dak li għandu x'jaqsa mal-parteċipazzjoni tal-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi mhux tal-UE, l-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Diġitali se tkun ikkoordinata ma' strumenti finanzjarji esterni bħall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 iffissat għan iktar ambizzjuż għall-integrazzjoni klimatika fil-programmi tal-UE kollha, b'mira kumplessiva ta' 25% tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-klima. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira kumplessiva se tiġi ntraċċata permezz ta' sistema ta' mmarrar ta' traċċi tal-klima tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji iktar preċiżi fejn dawn huma disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz annwali tal-baġit.

23

COM(2017) 623 final.

Biex tappoġġa l-utilizzazzjoni sħiħa tal-potenzjal tal-programm li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-klima, il-Kummissjoni se tagħmel minn kollox biex tidentifika l-azzjonijiet rilevanti matul il-proċessi ta' preparazzjoni, implimentazzjoni, reviżjoni u evalwazzjoni tal-programm.

Jenħtieġ li jintużaw l-azzjonijiet tal-Programm sabiex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq, jew sitwazzjonijiet ta' investiment baxxi, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jidduplikaw jew iwarrbu l-finanzjament privat u jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Dan se jiżgura konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-programm u r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA' U PROPORZJONALITA'

Dan il-programm hu ppreżentat għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

• Bażi ġuridika

Fid-dawl tan-natura wiesgħa tal-intervent skont il-programm Ewropa Diġitali, din hija bbażata fuq id-dispozzizzjonijiet li ġejjin tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):

- L-Artikolu 173(3) tat-TFUE fir-rigward ta' ħafna mill-attivitajiet imwettqa skont dan il-Programm;
- L-Artikolu 172 tat-TFUE, l-aktar fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni ta' oqsma ta' interess pubbliku;

• Sussidjarjeta'

Il-programm jimmira li jisfrutta s-sinerġiji miġjuba mis-somma tal-elementi fundamentali essenzjali tal-ekonomija diġitali: il-computing intelliġenti u l-infrastruttura tad-data, iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, il-ħiliet diġitali avvanzati u l-applikazzjonijiet fl-industrija u f'oqsma ta' interess pubbliku. Appoġġati skont mekkaniżmu koerenti uniku, dawn il-pilastri se jwasslu għal pożizzjoni b'saħħitha fl-ekonomija xprunata mid-data, jippromwovu l-inklussività, jikkatalizzaw proġetti innovattivi²⁴ u jiżguraw distribuzzjoni tal-valur.

L-Ewropa Diġitali huwa rispons għal rieda politika ġdida li jiġi indirizzat b'mod kooperattiv dak li preċedentement kien prinċipalment tħassib domestiku, peress li l-ebda Stat Membru jew negozju waħdu ma jista' jagħmel investimenti diġitali kritiċi fuq l-iskala meħtieġa jew jiżdiedu għal livell tajjeb. **Jekk l-UE ma tiħux sehem, dawn l-investimenti ma jsirux sa fejn meħtieġ u l-UE turriskja li tiflew il-kompetittività tagħha.**

L-intervent fil-livell tal-UE, hu meħtieġ biex tippjana, tiffinanzja b'mod konġunt, u tikkoordina azzjonijiet fuq skala li tista' tissodisfa dawn l-isfidi, u tiżgura li l-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali ġodda jiġu kkondiviżi fl-Ewropa kollha. L-azzjoni koordinata multilaterali tista' wkoll tevita d-duplikazzjoni, tikkapitalizza fuq is-sinerġiji billi torbot il-finanzjament ma' kundizzjonijiet ta' qafas, tissalvagwardja l-interoperabbiltà, u tevita punti li ma jkunux qed jidhru jew qasma diġitali ġeografika maġġuri.

²⁴

Pereżempju, l-iskjerament tal-fatturar elettroniku madwar l-UE tisser l-għoti ta' servizzi pubbliċi diġitali lil kumpaniji li għandhom il-konnettività u l-ħaddiema tas-sengħa meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata fiduċja pubblika u b'hekk appoġġ għat-tranżazzjonijiet f'ambjent sigur.

Meħuda flimkien, dawn se jwasslu għal tnedija u tixrid aktar mgħaġġlin tat-teknoloġiji l-ġodda, vantaġġi strateġiċi għan-negozji Ewropej, servizzi pubbliċi aħjar għaċ-ċittadini tal-UE u kapaċità akbar biex isiru skoperti biex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà (saħħa, detezzjoni u dijanjożi tal-mard, tibdil fil-klima, effiċjenza fir-riżorsi, eċċ.), li ġeneralment itejbu l-kwalità tal-ħajja fi kwalunkwe qasam fl-Unjoni kollha.

• Proporzjonalità

Hemm rieda evidenti min-naħa tas-settur pubbliku li jindirizza t-trasformazzjoni diġitali fil-livell Ewropew, kif ukoll rieda li jikkoinvesti fil-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità diġitali tal-UE. Minbarra l-appoġġ politiku b'saħħtu għal intervent mill-**Kunsill Ewropew**, dan ġie rifless ukoll mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew, li ripetutament talbu għat-tlestija urġenti tas-Suq Uniku Diġitali u l-fajls individwali tiegħu.^{25 26 27 28}

Il-Parlament esprima tħassib partikolari li r-riżorsi allokat li għal politiki diġitali fil-baġit tal-UE ma kinux biżżejjed biex iħallu impatt reali u rrikonoxxa l-ħtieġa li tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea permezz ta' investimenti produttivi.^{29 30}

Fil-livell tal-UE, f'Marzu 2017, 29 pajjiż involvew ruħhom fil-kooperazzjoni ta' mobbiltà konnessa,³¹ u s'issa 16-il Stat Membru impenjaw ruħhom biex jaħdmu flimkien u mal-Kummissjoni sabiex **jiksbu u jniedu infrastruttura ta' computing ta' prestazzjoni għolja ta' klassi dinjija integrata**.³² F'Jannar 2018, il-Kummissjoni pproponiet Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja "EuroHPC".³³

Fit-tieni Jum Diġitali fl-10 ta' April 2018, **28 pajjiż Ewropew**³⁴ impenjaw ruħhom li **jaħdmu flimkien fl-intelliġenza artifiċjali** sabiex isaħħu t-teknoloġija tal-UE u l-kapaċitajiet industrijali f'dan il-qasam u sabiex iġibu benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji kollha³⁵. Il-pajjiżi Ewropej għamlu impenn ukoll li jiżviluppaw flimkien soluzzjonijiet avvanzati għas-servizzi pubbliċi (pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura Ewropea ta' katina ta' blokok ta' transazzjonijiet għas-servizzi³⁶), mediċina personalizzata³⁷ u saħħa u kura xprunati mid-data u monitoraġġ komuni tal-progress ta' investimenti diġitali. Illum il-ġurnata l-Istati Membri kollha huma involuti fl-inizjattiva ta' diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-UE, b'impenn ċar li jikkollaboraw aktar biex jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji diġitali fin-negozji.

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati juru wkoll li sett ta' investimenti kritiċi hu l-aħjar li jsir fil-livell tal-UE. L-oqsma indirizzati mill-Programm huma daww fejn l-iskala hija essenzjali biex tirnexxi, kemm biex jinkisbu l-kapaċitajiet meħtieġa għall-użu wiesa' tagħhom

²⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2013 dwar il-Komunikazzjoni Cloud, li jenfasizzaw ir-rwol tal-HPC fl-UE".

²⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2015 dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea (8993/15).

²⁷ Konklużjonijiet tal-laqqha tal-Kunsill tat-23 ta' Jannar 2018 (ECOFIN XX/18).

²⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa fis-Soċjetà Diġitali – nagħmlu progress fl-innovazzjoni xprunata mid-data fil-qasam tas-saħħa. <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14078-2017-INIT/mt/pdf>.

²⁹ Rapport dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing (A8-0183/2017).

³⁰ Riżoluzzjoni tal-Parlament dwar ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali. (2015/2103(INL)).

³¹ 29 Stat Membru tal-UE u taż-ŻEE ffirmaw Ittra ta' Intenzjoni biex jikkooperaw fl-ittestjar ta' trasport bit-triq awtomatizzat f'siti transkonfinali. Tista' ssir referenza addizzjonali għall-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport", 5 ta' Diċembru 2017.

³² <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/eu-ministers-commit-digitising-europe-high-performance-computing-power>. Dikjarazzjoni ffirmata minn FR, DE, IT, LU, NL, PT, ES, BE, SL, BU, GR, CR, CY, CZ, CH, PL.

³³ <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-8-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF>

³⁴ Inkluzja n-Norveġja, iżda eskluża l-Kroazja fiż-żmien tal-kitba.

³⁵ http://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=50951

³⁶ Iffirmat minn 22 pajjiż Ewropew: http://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=50954

³⁷ Iffirmat minn 13-il pajjiż Ewropew: http://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=50964

fl-UE kollha. Minħabba li l-għarfien u l-għarfien espert f'oqsma diġitali avvanzati mhuwiex disponibbli fir-reġjuni kollha tal-Ewropa, l-azzjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' netwerking tal-hubs ta' innovazzjoni diġitali, tista' tiżgura li dan l-għarfien espert huwa disponibbli f'kull reġjun.

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u l-iskala tal-investment meħtieġ, hemm każ b'saħħtu għal intervent tal-UE biex b'mod konġunt tiffinanzja u tikkoordina azzjonijiet fuq skala li tkun kapaċi tissodisfa l-isfidi ppreżentati mit-trasformazzjoni diġitali. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-benefiċċji ta' teknoloġiji diġitali ġodda jiġu kkondiviżi kollha. L-azzjoni koordinata multilaterali tista' wkoll tevita d-duplikazzjoni, tikkapitalizza fuq is-sinerġiji billi torbot il-finanzjament ma' kundizzjonijiet ta' qafas, tissalvagwardja l-interoperabbiltà, u tevita punti li ma jkunux qed jidhru jew qasma diġitali ġeografika maġġuri.

It-talba għal żieda fl-investment jeħtieġ li tissarraf f'azzjoni fil-qafas ta' investment tal-UE. Il-kumpaniji u ċ-ċittadini jeħtieġu messaġġ ċar li l-UE qiegħda tinvesti fil-futur tagħhom, li l-prevedibbiltà hija żgurata u li mekkaniżmi ta' appoġġ huma stabbiliti biex jindirizzaw il-proċess kumpless tat-trasformazzjoni diġitali. Hija r-responsabbiltà tal-Ewropa li taġixxi u tkun viżibbli matul il-proċess.

Peress li t-trasformazzjoni diġitali saret fattur essenzjali għat-tkabbir, l-iżvilupp soċjali u t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, distakk kritiku ġie espost fil-mod li bih l-UE u l-Istati Membri jallokaw il-finanzjament diġitali. Il-qafas ta' investment attwali ma tfassalx għall-bini ta' kapacià diġitali madwar l-UE u l-użu ottimali tiegħu. Għalhekk, l-UE teħtieġ approċċ ġdid, integrat u ambizzjuż tal-programm ta' finanzjament biex tappoġġa l-iskjerament u l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali li jirfdu l-innovazzjoni f'oqsma ta' interess pubbliku u n-negozju.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Programm huwa implimentat permezz ta' Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba li l-programm Ewropa Diġitali huwa programm ġdid, din il-proposta mhijiex ibbażata fuq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ddedikata. Minflok, it-tagħlimiet miksuba jibbażaw fuq evalwazzjonijiet ta' programmi u inizjattivi relatati mill-qrib, l-aktar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tas-CEF³⁸ u r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tas-Suq Uniku Diġitali (DSM)³⁹.

Madankollu, ta' importanza partikolari huwa r-riżultat mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tas-CEF li kkonkludiet li l-isforz iddedikat fil-programm għal kapaċitajiet u infrastrutturi għad-diġitalizzazzjoni jista' **jappoġġa biss l-ewwel** passi lejn diġitalizzazzjoni madwar l-UE tal-oqsma ta' interess pubbliku⁴⁰. Huwa enfasizza li s'issa l-livelli ta' finanzjament disponibbli skont l-FNE ppermettew li l-ħtiġijiet attwali jiġu indirizzati biss parzjalment, u barra minn hekk, li l-qafas tal-FNE jillimita l-kapaċità tal-programm li jadatta għall-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-prijoritajiet ta' politika emerġenti (pereżempju sfidi relatati maċ-

³⁸ https://ec.europa.eu/transport/themes/infrastructure/consultations/mid-term-evaluation-connecting-europe-facility-cef_en

³⁹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/digital-single-market-mid-term-review>

⁴⁰ SWD(2018) 44 final

ċibersigurtà). L-evalwazzjoni uriet ukoll **rieda qawwija mill-Istati Membri li jinvolvu ruħhom flimkien** fid-diġitalizzazzjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Taħlita ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni twettqu f'mument differenti tal-ħidma tal-Valutazzjoni tal-Impatt sabiex jiġi żgurat li l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati jkunu inklużi b'mod sistematiku fil-proċess ta' formulazzjoni tal-programm tal-UE ta' wara l-2020 għall-programm Ewropa Diġitali. Dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu jvarjaw minn konferenzi u avvenimenti tal-partijiet ikkonċernati, għal gruppi ta' esperti, konsultazzjoni onlajn, sessjonijiet ta' ħidma, laqgħat u seminars u analiżi tad-dokumenti ta' pożizzjoni.

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati juru appoġġ għal approċċ aktar effiċjenti u inqas frammentat biex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej kollha fl-UE. Dan huwa partikolarment pertinenti għall-oqsma ewlenin tal-programm Ewropa Diġitali, jiġifieri l-computing ta' prestazzjoni għolja, iċ-ċibersigurtà u l-intelliġenza artifiċjali kif ukoll ħiliet avvanzati u diġitalizzazzjoni ta' oqsma ta' interess pubbliku.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ir-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju fis-17 ta' Ġunju 2015. Il-Bord ta opinjoni negattiva.

Wara l-opinjoni negattiva tal-Bord, ir-rapport ġie rivedut bir-reqqa u ristrutturaturat biex jiddeskrivi aħjar kif il-proposta tibni fuq programmi eżistenti relatati mad-Diġitali. Ingħataw diversi eżempji ta' interventi simili f'pajjiżi terzi jew fi Stati Membri. Żdiedu wkoll id-dettalji tad-delinjazzjoni ma' Orizzont Ewropa kif miftiehem mad-DĠ RTD. Ġew iċċarati wkoll il-loġika tal-intervent u kwistjonijiet fuq il-fallimenti tas-suq u n-nuqqas ta' investiment upstream għar-reġjuni diversi. Ingħataw ukoll aktar dettalji dwar il-modalitajiet ta' twettiq għal kull waħda mill-azzjonijiet proposti. Taqsimiet ġodda spjegaw f'aktar dettall x'għandu jinkiseb b'żieda fil-finanzjament li ma jistax jinkiseb permezz tal-mekkaniżmi ta' intervent attwali fid-diversi pilastri. Ingħataw xi eżempji ta' politiki ta' suċċess simili fl-Istati Uniti u fl-Ewropa. Fil-5 ta' Mejju 2018, ġiet ippreżentata mill-ġdid Valutazzjoni tal-Impatt riveduta

L-opinjoni pożittiva⁴¹ (b'riżervi) tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ġiet irċevuta fit-8 ta' Mejju 2018 dwar il-fehim li r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt se jiġi rivedut sabiex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Ir-rapport ġie rivedut kif xieraq: it-test ġie rivedut biex jiġi iċċarat fuq xiex tinbena l-proposta u x'inhu ġdid u biex jiġi spjegat aħjar għaliex il-programm Ewropa Diġitali huwa mezz aħjar biex jiġu appoġġati l-miżuri proposti; żdiedet taqsima ġdida dwar l-impenn tal-Istati Membri sabiex tiddeskrivi aħjar l-approvazzjoni politika tal-miżuri proposti u l-impenn tal-Istati Membri; it-taqsima relatata mar-regoli tal-kompetizzjoni u d-distorsjoni tas-suq, issa hhet; ġiet introdotta taqsima ġdida li ttipprovdi eżempju tal-mekkaniżmu previst ta' ħallas għal dak li tuża.

41

<http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&year=2017&serviceId=&s=Chercher&language=mt>

• **Simplifikazzjoni**

Ġiet żgurata koerenza sħiħa mar-Regolament Finanzjarju attwali u dak futur. L-eċċezzjonijiet previsti jew huma permessi b'mod dovut f'testi legali relatati jew jeżistu xi preċedenti. Barra minn hekk, ġew introdotti l-elementi ta' simplifikazzjoni li ġejjin:

- Flessibbiltà dwar l-allokazzjonijiet tal-baġit integrati fil-livell tal-oġettivi speċifiċi;
- Il-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent huwa ddefinit fil-livell tal-oġettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali. Il-kriterji ta' eliġibbiltà, ir-rati ta' finanzjament għal għotjiet u elementi oħrajn tal-implimentazzjoni se jiġu previsti fil-programmi ta' ħidma. Din il-flessibbiltà hija bbilanċjata billi jiġi żgurat l-involvement tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Programm skont il-qafas ta' Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli.
- Il-finanzjament skont il-Programm jista' jiġi implimentat skont kwalunkwe forma stabbilita fir-Regolament Finanzjarju;

Il-Programm se jiġi implimentat direttament kif previst mir-Regolament Finanzjarju jew indirettament mal-entitajiet jew il-korpi xierqa msemmija fl-Artikolu 58(1)(c) [61(1)(c) ġdid] tar-Regolament Finanzjarju.

Abbażi tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji magħmula lil aġenziji eżekuttivi fil-bidu tal-Orizzont 2020 u r-reviżjonijiet ta' nofs it-terminu tas-CEF u l-Orizzont 2020, il-metodu regolari ta' implimentazzjoni għall-Programm huwa wiehied ta' ġestjoni diretta. Il-vantaġġi ewlenin li tintuża ġestjoni diretta huma li dawn jippermettu tmexxija politika b'saħħitha kif ukoll għoti ta' appoġġ tal-UE rapidu.

Jenħtieġ li tintuża ġestjoni indiretta bħala metodu kumplementari tal-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit previsti fl-att bażiku tal-Programm. Filwaqt li l-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit, il-fatt li l-entitajiet jiġu fdati b'kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit skont l-Artikolu 62(1)(c.) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiżgura kooperazzjoni sħiħa tal-entità kkonċernata fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-fatt li l-entitajiet jiġu fdati b'tali kompiti taħt ġestjoni indiretta se jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat proċess trasparenti, mhux diskriminatorju, effiċjenti u effettiv.

• **Drittijiet fundamentali**

Ir-regoli proposti tal-programm Ewropa Diġitali jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' diversi minn dawk id-drittijiet. B'mod partikolari, l-oġettivi ta' dan il-programm huma li jiżgura l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali u kif preskritt mill-Artikoli 11, 21 u 47 tal-Karta. Il-programm għandu l-għan ukoll li jsaħħaħ il-libertà li jitwettag negozju f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet u l-prattiki nazzjonali (Artikolu 16). Għandha tiġi żgurata wkoll il-protezzjoni tad-data personali f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta, kif ukoll il-kura tas-saħħa f'konformità mal-Artikolu 35 tal-Karta u l-protezzjoni tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Karta.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027⁴² (COM(2018)XXX), il-pakkett finanzjarju għall-

⁴² COM/2018/321 final: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumita tar-Reġjuni "Baġit

programm huwa stabbilit għal EUR 9 194 000 000 fi prezzijiet kurrenti u d-distribuzzjoni indikattiva tiegħu għandha tkun kif ġej (ara l-Artikolu 4 tal-proposta):

Aktar dettalji huma pprovduti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jingħata finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, l-intenzjoni hija li jiġi implimentat il-programm kif deskritt hawn taħt. Kif intqal qabel, se tingħata attenzjoni lill-preżervazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern:

1. **Għall-computing ta' prestazzjoni għolja**, il-kontinwazzjoni tal-impriża konġunta EuroHPC li qiegħda tiġi diskussa bħalissa mal-Kunsill hija meqjusa bħala l-aktar strument effettiv u effiċjenti biex jiġu implimentati l-oġettivi tal-inizjattiva EuroHPC, b'mod partikolari biex jiġu kkoordinati l-istrateġiji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea u l-investimenti fl-infrastruttura HPC u fir-R&Ż, biex jinġabru riżorsi minn fondi pubbliċi u privati, u biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi ekonomiċi u strateġiċi tal-Unjoni⁴³. L-Impriża Konġunta hija mistennija li tislet baġit kemm mill-Ewropa Diġitali kif ukoll minn Orizzont Ewropa.
2. Akkwisti jew għotjiet konġunti relatati ma' attivitajiet tal-**intelliġenza artifiċjali** jingħataw permezz ta' ġestjoni diretta.
3. L-attivitajiet relatati ma' **ċibersigurtà** jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta.
4. Finanzjament relatat mal-iżvilupp ta' **ħiliet diġitali avvanzati** jiġi implimentat primarjament permezz tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, kif iddefinit fl-Artikolu [16] u kif spjegat hawn taħt, u fiċ-ċentri ta' kompetenza rilevanti. Il-programm ta' ħidma se jiġi abbozzat mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni ma' ċentri ta' kompetenza rilevanti msemmijin hawn fuq, li b'dan il-mod tkun tista' tipprovi l-inputs meħtieġa sabiex tiżgura konsistenza tal-interventi fil-qasam ta' ħiliet diġitali avvanzati mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi. Għalhekk l-għan huwa li jingħata rispons rapidu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu malajr.
5. Finanzjament li jirrigwardaw **it-trasformazzjoni diġitali ta' oqsma ta' interess pubbliku**, jistgħu jkomplu jiġu ġestiti direttament. Il-ġestjoni tal-Kummissjoni Ewropea se tkompli tintuża biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet u biex jiġi żgurat tfassil komuni u interoperabbiltà tal-arkitettura.

Minkejja dan ta' hawn fuq, il-ġestjoni ta' pjattaformi li joffru servizzi ewlenin settorjali speċifiċi tista' tiġi ttrasferita għat-tmexxija operattiva ta' aġenziji diġà eżistenti, jekk din il-possibbiltà tkun diġà prevista fil-kompiti tagħhom.

modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" it-2 ta' Mejju 2018

⁴³ Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument "Proposal for a Council Regulation on establishing the EuroHPC Joint Undertaking" (Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta EuroHPC)(<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/proposal-council-regulation-establishing-eurohpc-joint-undertaking-impact-assessment>)

6. **Id-diġitalizzazzjoni tal-industrija** se tiġi implimentata permezz tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali se xxerred il-kapaċitajiet diġitali, partikolarment, il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, il-ħiliet diġitali fl-ekonomija kollha li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali qed jipprovdu aċċess għall-għarfien espert teknoloġiku u l-faċilitajiet ta' esperimentazzjoni li jippermettu lill-organizzazzjonijiet jevalwaw aħjar l-argument għall-vijabbiltà tal-proġetti ta' diġitalizzazzjoni. Is-servizzi tal-ittestjar u l-esperimentazzjoni pprovduti mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali jistgħu jinvolvu teknoloġiji abilitanti oħra meħtieġa għall-iskjerament ta' soluzzjonijiet għat-trasformazzjoni diġitali kompluti. Għandu jiġi stabbilit netwerk ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, li jiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa fl-Ewropa kollha. Għotjiet relatati mal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali se jingħataw direttament mill-Kummissjoni.

Il-modi ta' implimentazzjoni se jfittxu li jiżviluppaw sinerġiji b'saħħithom bejn id-diversi komponenti tal-Programm. Dawn huma deskritti aktar fil-fond fl-Anness 4 tal-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u iċ-ċibersigurtà. Fejn xieraq, l-implimentazzjoni tista' tuża wkoll teknoloġiji diġitali ewlenin oħra li qegħdin jilhqgħu l-maturità tas-suq u s-suġġett ta' investimenti fil-livell tal-UE preċedenti bħall-5G, IoT, u servizzi bbażati fuq il-cloud.

L-indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali (DESI) huwa stabbilit bħala strument ta' referenza biex jitkejjel il-progress tad-diġitalizzazzjoni fl-UE. L-istrument tad-DESI huwa bbażat fuq għadd ta' indikaturi li huma derivati minn analiżi statistika rigoruża. Id-data se tingħabar ukoll minn sorsi oħra, inklużi sħarrijiet speċjali.

L-output u l-indikaturi tal-impatt huma definiti b'rabta mal-oqsma ewlenin tal-programm (l-informatika ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, il-ħiliet diġitali avvanzati, l-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-interoperabilità).

Il-feedback mill-monitoraġġ annwali se jagħmilha possibbli li l-ġestjoni u l-istruttura tal-programm jiġu adattati skont ir-riżultati miksuba. Jistgħu jintużaw indikaturi eżistenti minn statistiċi uffiċjali tal-UE li jingħataw mill-istħarriġ annwali tal-ICT u mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol. Jista' jsir sħarriġ speċjali. Il-ġbir ta' data mingħand DESI se jkun ikkumplementat b'taġħrif ġenerat mill-programm stess.

B'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016⁴⁴, fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u l-politika eżistenti jenħteġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' opzjonijiet għal iktar azzjoni, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni interim u finali fil-livell tal-pislatru u tal-programm. L-evalwazzjonijiet se tivvaluta l-effetti tal-Programm fil-prattika abbażi tal-indikaturi u tal-miri tal-Programm u analiżi dettaljata tal-grad sa fejn il-Programm jista' jitqies bħala rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u jkun koerenti ma' politiki oħra tal-UE. L-evalwazzjonijiet se jinkludu t-tagħlimiet miksuba sabiex jiġu identifikati kwalunkwe problema jew kwalunkwe potenzjal li jista' jtejjeb aktar l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex jiġi massimizzat l-isfruttament/l-impatt tagħhom. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet akkompanjati minn osservazzjonijiet se jintbagħtu lill-

⁴⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 172 u 173 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁴⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027 li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fit-tifsira ta' [referenza li għandha tiġi aġġornata kif xieraq skont il-ftehim il-ġdid interistituzzjonali: il-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁴⁷], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (2) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-RF il-ġdid] (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għal dan il-Programm. Jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar għotjiet, premijijiet, akkwist pubbliku, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji.
- (3) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95⁴⁹ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁵⁰ u r-Regolament (UE) 2017/1939⁵¹, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta'

⁴⁵ ĠU C , , p. . tbc

⁴⁶ ĠU C , , p. . tbc

⁴⁷ *Ir-referenza trid tiġi aġġornata:* ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1. *Il-ftehim huwa disponibbli fuq:* [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013Q1220\(01\)](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013Q1220(01))

⁴⁸ ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1-22 Ir-regolament jinsab hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32013R0883&rid=1>

⁴⁹ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1-4 Ir-regolament jinsab hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:31995R2988&rid=1>

⁵⁰ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2-5 Ir-regolament jinsab hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:31996R2185&rid=1>

⁵¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71 Ir-regolament jinsab hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32017R1939&rid=1>

miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet inklużi frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵². Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (4) Skont [*referenza trid tiġi aġġornata kif xieraq skont id-deċiżjoni l-ġdida dwar il-PTEE*: L-Artikolu 88 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill //UE⁵³], persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-oġettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.
- (5) Skont il-paragrafu 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁵⁴, hemm il-ħtieġa li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni li tinġabar permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati piżijiet ta' regolamentazzjoni żejda u amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn ikun xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi biex jiġu evalwati l-effetti tal-Programm fil-prattika.
- (6) Is-Summit Diġitali ta' Tallinn⁵⁵ ta' Settembru 2017 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew⁵⁶ tad-19 ta' Ottubru 2017 indikaw il-ħtieġa għall-Ewropa li tinvesti fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna u tindirizza id-diskrepanza fil-ħiliet biex iżżomm u ssaħħa kompetittività Ewropea, il-kwalità tal-ħajja tagħna u n-nisġa soċjali. Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li t-trasformazzjoni diġitali toffri opportunitajiet kbar għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi, se tikkontribwixxi għall-kompetittività globali tagħna, u ttejjeb l-kreattività u d-diversità kulturali. Biex jiġu sfruttati dawn l-opportunitajiet jeħtieġ li jiġu ttrattati b'mod kollettiv uħud mill-isfidi li għib magħha t-trasformazzjoni diġitali u jiġu rieżaminati l-politiki affettwati mit-trasformazzjoni diġitali.
- (7) Il-Kunsill Ewropew ikkonkluda b'mod partikolari li l-Unjoni għandha tindirizza b'mod urġenti t-tendenzi emerġenti: dan jinkludi kwistjonijiet bħall-intelliġenza

⁵² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

⁵³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill //EU.

⁵⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

⁵⁵ <https://www.eu2017.eu/news/insights/conclusions-after-tallinn-digital-summit>

⁵⁶ <https://www.consilium.europa.eu/media/21620/19-euco-final-conclusions-en.pdf>

artifiċjali u teknoloġiji tar-reġistru distribwit (eż. katina ta' blokk ta' tranżazzjonijiet), filwaqt li fl-istess ħin jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data, tad-drittijiet diġitali u tal-istandards etiċi. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tressaq approċċ Ewropew għall-intelliġenza artifiċjali sal-bidu tal-2018 u talab lill-Kummissjoni biex tressaq l-inizjattivi meħtieġa għat-tisħiħ tal-kundizzjonijiet qafas bil-għan li l-UE tkun tista' tesplora swieq ġodda permezz ta' innovazzjonijiet radikali bbażati fuq ir-riskju u tafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni tal-industrija tagħha.

- (8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020”⁵⁷ jiddeskrivi fost l-għażliet għall-programm tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-futur għat-trasformazzjonijiet diġitali tal-Ewropa li jwasslu “progress qawwi lejn it-tkabbir intelliġenti f'oqsma bħalma huma data ta' kwalità għolja tal-infrastruttura, il-konnettività u ċ-ċibersigurtà”. Din tfittex li tiżgura t-tmexxija Ewropea fis-supercomputing, l-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u l-big data. Hija ssaħħa il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija u n-negozji fl-Ewropa fl-ekonomija diġitali kollha u jkollha impatt sinifikanti fuq l-eliminazzjoni tad-diskrepanza tal-ħiliet fl-Unjoni kollha.
- (9) Il-Komunikazzjoni “Għal spazju komuni Ewropew tad-data”⁵⁸, tindirizza l-miżura ġdida li trid tittieħed bħala pass fundamentali lejn spazju komuni tad-data fl-UE - qasam diġitali bla xkiel bi skala li tippermetti l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda bbażati fuq id-data.
- (10) L-oġettiv ġenerali tal-Programm jenħtieġ li jkun li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u li jrawwem l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politiki ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku, għall-benefiċċju tan-negozji u ċ-ċittadini fl-Unjoni kollha. Il-programm jenħtieġ li jkun strutturat f'ħames Oġettivi Speċifiċi li jirriflettu oqsma ta' politika ewlenin, jiġifieri (i) il-computing ta' prestazzjoni għolja, iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, il-ħiliet diġitali avvanzati u l-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-interoperabbiltà. Għal daww l-oqsma kollha, il-Programm għandu jkollu l-għan ukoll li jallinja aħjar lill-Unjoni, l-Istati Membri u l-politiki reġjonali, u li jiġbor riżorsi privati u industrijali sabiex jiżied l-investiment u jiġi żviluppati sinerġiji aktar b'saħħithom.

Rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-Programm għandu jingħata lill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, li għandhom jistimolaw l-adozzjoni wiesgħa ta' teknoloġiji diġitali avvanzati mill-industrija, mill-organizzazzjonijiet pubbliċi u mill-akkademji. Netwerk ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali jeħtieġ li jiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa fl-Ewropa kollha⁵⁹. L-ewwel sett ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali se jintgħażlu abbażi tal-proposti mill-Istati Membri u mbaġħad in-netwerk se jitkabbar permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali se jservu bħala punti ta' aċċess għall-aħħar kapaċitajiet diġitali, inklużi l-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC), l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, kif ukoll teknoloġiji innovattivi oħra eżistenti tal-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali, disponibbli wkoll f'fablabs jew citylabs. Huma għandhom jaġixxu bħala punti uniċi ta' kuntatt biex jaċċessaw teknoloġiji ttestjati u validati u jippromwovu innovazzjoni miftuħa. Huma se jipprovdu wkoll appoġġ fil-qasam tal-ħiliet diġitali avvanzati. In-netwerk tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali

⁵⁷ COM(2018) 98 final

⁵⁸ COM(2018) 125 final

⁵⁹ Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea (COM(2016) 180 final finali)

għandu jikkontribwixxi wkoll għall-parteċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fis-Suq Uniku Diġitali.

- (12) Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' proġetti li jsaħħu l-kapaċitajiet diġitali essenzjali u l-użu wiesa' tagħhom. Dan għandu jinkludi koinvestimenti mal-Istati Membri u, meta jkun meħtieġ, mas-settur privat. B'mod partikolari, jenħteġ li din tirrikjedi li tilħaq massa kritika fl-akkwist biex tikseb valur aħjar għall-flus u garanzija li l-fornituri fl-Ewropa jibqgħu fuq quddiem nett tal-avvanzi teknoloġiċi.
- (13) L-oġġettivi ta' politika ta' dan il-Programm se jiġu indirizzati ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja bħala parti mit-tieqa ta' politika/twieqi ta' politika [...] tal-Fond InvestEU.
- (14) Jenħteġ li jintużaw l-azzjonijiet tal-Programm sabiex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq, jew sitwazzjonijiet ta' investiment baxxi, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jidduplikaw jew jibdlu l-finanzjament privat u jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.
- (15) Sabiex tinkiseb flessibilità massima matul il-ħajja tal-programm u jiġi żviluppati sinerġiji bejn il-komponenti tiegħu, kull wieħed mill-oġġettivi speċifiċi jista' jiġi implimentat permezz tal-istrumenti kollha disponibbli skont ir-Regolament Finanzjarju. Il-mekkaniżmi eżekuttivi li jridu jintużaw huma ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta meta il-finanzjament tal-Unjoni jenħteġ li jiġi kkombinat ma' sorsi oħra ta' finanzjament jew meta l-eżekuzzjoni tirrikjedi l-istabbiliment ta' strutturi regolati b'mod komuni.
- (16) **Il-computing ta' prestazzjoni għolja** u l-kapaċitajiet tal-ipproċessar tad-data relatati fl-Unjoni, jenħteġ li jippermettu li jiżguraw użu usa' tal-computing ta' prestazzjoni għolja mill-industrija u, b'mod aktar ġenerali, f'oqsma ta' interess pubbliku sabiex jaħtfu opportunitajiet uniċi li s-superkompjuters iġibu lis-soċjetà fir-rigward tas-saħħa, l-ambjent u s-sigurtà kif ukoll il-kompetittività tal-industrija, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħir u medji (SMEs).
- (17) L-appoġġ għall-intervent tal-Unjoni f'dan il-qasam ġie espress mill-Kunsill⁶⁰ u mill-Parlament Ewropew⁶¹. Barra minn hekk, fl-2017, disa' Stati Membri ffirmaw id-Dikjarazzjoni EuroHPC⁶², ftehim bejn haġna gvernijiet fejn jintrabtu li jikkollaboraw mal-Kummissjoni biex jibnu u jiskjeraw HPC u infrastrutturi tad-data tal-ogħla livell fl-Ewropa li jkunu disponibbli fl-Unjoni kollha għall-komunitajiet xjentifiċi, is-sħab pubbliċi u privati.
- (18) Għall-oġġettiv speċifiku tal-computing ta' prestazzjoni għolja, impriża konġunta titqies l-iktar mekkaniżmu ta' implimentazzjoni adattat, b'mod partikolari biex tikkoordina l-istrateġiji nazzjonali u tal-Unjoni u l-investimenti fl-infrastruttura tal-computing ta' prestazzjoni għolja u r-riċerka u l-iżvilupp, biex tiġbor flimkien ir-riżorsi minn fondi pubbliċi u privati, u biex jissalvagwardja l-interessi ekonomiċi u strateġiċi tal-Unjoni.⁶³ Barra minn hekk, iċ-ċentri tal-kompetenzi tal-computing ta' prestazzjoni għolja fl-Istati Membri se jipprovdu servizzi ta' computing ta' prestazzjoni għolja lill-industrija, lill-korpi akkademiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

⁶⁰

⁶¹

⁶²

⁶³

Il-valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument "Proposal for a Council Regulation on establishing the EuroHPC Joint Undertaking" (Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta EuroHPC) <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/proposal-council-regulation-establishing-eurohpc-joint-undertaking-impact-assessment>

- (19) L-iżvilupp tal-kapaċità relatata mal-**intelliġenza artifiċjali** huwa xprun kruċjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija kif ukoll tas-settur pubbliku. Fil-fabbriki, fl-applikazzjonijiet fil-fond tal-baħar, fid-djar, fl-ibliet u fl-isptarijiet qegħdin jintużaw robots dejjem aktar awtonomi. Il-pjattaformi kummerċjali tal-intelliġenza artifiċjali, mill-ittestjar inbidlu għall-applikazzjonijiet reali fis-saħħa u l-ambjent; il-manifatturi ewlenin kollha tal-karozzi qegħdin jiżviluppaw karozzi mingħajr sewwieq, u tekniki ta' apprendiment awtomatiku jinsabu fil-qalba tal-pjattaformi tal-web ewlenin kollha u fl-applikazzjonijiet tal-big data.
- (20) Id-disponibbiltà ta' settijiet tad-data fuq skala kbira u l-faċilitajiet tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni għandhom importanza kbira għall-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali.
- (21) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea⁶⁴, il-Parlament Ewropew enfażizza l-importanza ta' approċċ komuni Ewropew dwar iċ-**ċibersigurtà**, filwaqt li rrikonoxxa l-ħtieġa li titqajjem il-kuxjenza u jqis li r-reżiljenza ċibernetika bħala responsabbiltà kruċjali għall-mexxejja tan-negozju u għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dik Ewropea dwar is-sigurtà industrijali.
- (22) Iċ-ċibersigurtà hija sfida għall-Unjoni kollha li ma tistax tibqa' tiġi indirizzata biss b'inizjattivi nazzjonali frammentati. Il-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-Ewropa għandha tissaħħaħ biex tagħti lill-Ewropa l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex tiproteġi liċ-ċittadini u n-negozji tagħha minn theddid ċibernetiku. Barra minn hekk, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu protetti meta jużaw il-prodotti konnessi li jistgħu jiġu aċċessi b'mod illegali u jikkompromettu s-sikurezza tagħhom. Dan jenħtieġ li jinkiseb flimkien mal-Istati Membri u s-settur privat billi jiġu żviluppati proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ewropa fiċ-ċibersigurtà u fl-istess ħin tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn dawn il-proġetti u b'dan il-mod jiġi żgurat l-iskjerament tal-aħħar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà fl-ekonomija kollha, kif ukoll permezz tal-aggregazzjoni tal-kompetenzi f'dan il-qasam biex jiġu żgurati l-massa kritika u l-eċċellenza.
- (23) F'Settembru 2017, il-Kummissjoni ressqet pakkett ta' inizjattivi⁶⁵ li jistabbilixxu approċċ komprensiv tal-Unjoni għaċ-ċibersigurtà, bil-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Ewropa biex tilqa' l-attakki ċibernetiċi u t-theddid u biex issaħħaħ il-kapaċità industrijali u teknoloġika f'dan il-qasam.
- (24) Il-fiduċja hija prerekwiżit biex is-Suq Uniku Diġitali jiffunzjona. It-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà bħall-identitajiet diġitali, il-kriptografija jew is-sejbien ta' intrużjoni, u l-applikazzjoni tagħhom f'oqsma bħall-finanzi, l-industrija 4.0, l-enerġija, it-trasport, il-kura tas-saħħa, jew il-gvern elettroniku huma essenzjali għas-salvagwardja tas-sigurtà u l-fiduċja tal-attività online u t-tranżazzjonijiet miċ-ċittadini, mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u mill-kumpaniji.
- (25) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill Ewropew saħaq li biex tinbena Ewropa Diġitali b'suċċess, l-Unjoni teħtieġ b'mod partikolari swieq tax-xogħol, kif ukoll sistemi ta' taħriġ u ta' edukazzjoni li jkunu adattati għall-era diġitali u li hemm il-ħtieġa li jsir investiment fil-**ħiliet diġitali**, sabiex tingħata s-setgħa u l-awtorità lill-Ewropej kollha;

⁶⁴ Id-Dokument ref. A8-0183/2017, jinsab: <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2017-0240+0+DOC+XML+V0//MT>

⁶⁵ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/policies/cybersecurity>

- (26) Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2017 stieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-aġenda tas-Summit Soċjali ta' Gothenburg ta' Novembru 2017 inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ u t-twettiq tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew talab ukoll lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jeżaminaw miżuri possibbli li jindirizzaw l-isfidi tal-ħiliet marbuta mad-diġitalizzazzjoni, maċ-ċibersigurtà, mal-litteriżmu medjatiku u mal-intelliġenza artifiċjali u l-ħtieġa ta' approċċ għall-edukazzjoni u t-taħriġ li jkun inklużiv, ibbażat fuq it-tagħlim tul il-ħajja u xprunat mill-innovazzjoni. B'rispons għal dan, fis-17 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel pakkett ta' miżuri, li jindirizzaw l-kompetenzi ewlenin, il-ħiliet digitali⁶⁶ kif ukoll il-valuri komuni u l-edukazzjoni inklużiva. F'Mejju 2018, tnieda t-tieni pakkett ta' miżuri li avvanza l-ħidma biex sal-2025, tinbena Żona Ewropea ta' Taħriġ, li tenfasizza wkoll iċ-ċentralità tal-ħiliet diġitali.
- (27) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea⁶⁷, il-Parlament Ewropew stqarr li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja huma l-pedament tal-koeżjoni soċjali f'soċjetà diġitali.
- (28) It-teknoloġiji diġitali avvanzati appoġġati minn dan il-Programm, bħall-computing ta' prestazzjoni għolja, iċ-ċibersigurtà u l-intelliġenza artifiċjali huma issa maturi biżżejjed biex jimxu lil hinn mill-arena tar-riċerka u jiġu skjerati, implimentati u mkabbra fil-livell tal-Unjoni. Bħal kif l-iskjerament ta' dawn it-teknoloġiji jirrikjedu rispons mill-Unjoni hekk ukoll titlob id-dimensjoni tal-ħiliet. Hemm bżonn li l-opportunitajiet ta' taħriġ f'ħiliet diġitali avvanzati jaraw espansjoni, żieda u jsiru aċċessibbli fl-UE kollha. Nuqqas ta' dan jista' jimpedixxi l-iskjerament bla xkiel tat-teknoloġiji diġitali avvanzati u jfixkel il-kompetittività globali tal-ekonomija tal-Unjoni. L-azzjonijiet appoġġati minn dan il-programm huma komplimentari għal dawk appoġġati mill-FSE, mill-FEŻR u mill-programmi ta' Orizzont Ewropa.
- (29) **L-immodernizzar tal-amministrazzjonijiet u s-servizzi pubbliċi permezz ta' mezzi diġitali** huwa kruċjali biex jiġnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-industrija u ċ-ċittadini b'mod ġenerali billi jitħaffu aktar l-interazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet pubbliċi u jsiru aktar konvenjenti u irħas, kif ukoll billi tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pprovduti liċ-ċittadini u lill-kumpaniji. Peress li għadd ta' servizzi ta' interess pubbliku diġà għandhom dimensjoni tal-Unjoni, l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-iskjerament tagħhom fil-livell tal-Unjoni għandu jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw mill-aċċess għal servizzi diġitali ta' kwalità għolja fl-Ewropa kollha.
- (30) It-trasformazzjoni diġitali tal-oqsma ta' interess pubbliku bħalma huma l-kura tas-saħħa⁶⁸, il-mobilità, il-ġustizzja, il-monitoraġġ ambjentali/tad-dinja, l-edukazzjoni u l-kultura tirrikejdi l-kontinwazzjoni u l-espansjoni tal-Infrastrutturi ta' Servizz Diġitali, li jagħmlu possibbli l-skambju sikur tad-data transfruntiera u jrawmu l-iżvilupp nazzjonali. Il-koordinazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament tikseb bl-aħjar mod il-potenzjal għall-isfruttar ta' sinerġiji.

⁶⁶ Fi ħdan dan il-pakkett, l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM(2018) 22 final) jistabbilixxi sensiela ta' miżuri biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni formali.

⁶⁷ Id-Dokument ref. A8-0183/2017, jinsab: <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2017-0240+0+DOC+XML+V0//MT>

⁶⁸ http://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=51628

- (31) Il-Kunsill tal-UE fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' Tallinn tas-6 ta' Ottubru 2017 ikkonkluda li l-progress diġitali qed jitransforma l-qalba tas-soċjetatjiet u l-ekonomiji tagħna, li qed jisfidaw l-effikaċja tal-politiki li kienu ġew żviluppati qabel f'firxa wiesgħa ta' oqsma, kif ukoll ir-rwol u l-funzjoni tal-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali. Huwa d-dmir tagħna li nantiċipaw u niġġestixxu dawn l-isfidi biex nissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tan-negojji.
- (32) Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija għas-Suq Uniku Diġitali. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija enfasizzat il-ħtieġa biex tissaħħaħ it-trasformazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli, affidabbli, u bla xkiel għas-servizzi pubbliċi.
- (33) L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2017⁶⁹ juri li l-kwalità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għandha impatt dirett fuq l-ambjent ekonomiku u għalhekk hija kruċjali għall-istimulazzjoni tal-produttività, tal-kompetittività, tal-kooperazzjoni ekonomika, tat-tkabbir u tal-impjiegi. B'mod partikolari, l-amministrazzjoni pubblika effiċjenti u trasparenti u s-sistemi ġudizzjarji effettivi huma meħtieġa biex jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u jwasslu servizzi ta' kwalità għolja lid-ditti u liċ-ċittadini.
- (34) **L-interoperabbiltà** tas-servizzi pubbliċi Ewropej tikkonċerna l-livelli kollha tal-amministrazzjoni: Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali. Barra t-tneħħija tal-ostakoli għal funzjonament tas-Suq Uniku, l-interoperabbiltà tiffaċilita l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki u toffri potenzjal kbir biex jiġu evitati l-ostakoli elettroniċi transfruntiera, tiżgura aktar l-apparizzjoni ta' servizzi pubbliċi komuni ġodda jew il-konsolidazzjoni ta' servizzi pubbliċi komuni li għadhom qed jiġu żviluppati fil-livell tal-Unjoni. Sabiex tiġi eliminata l-frammentazzjoni tas-servizzi Ewropej, biex jiġu sostnuti l-libertajiet fundamentali u r-rikonossiment reċiproku operattiv fl-UE, jenħtieġ li jiġi promoss approċċ olistiku transsettorjali u transfruntier lejn l-interoperabbiltà bl-aktar mod effettiv, u bl-aktar mod responsiv għall-utenti finali. Dan jimplika li l-interoperabbiltà trid tinftehem f'sens wiesa' li jinfirex minn saffi tekniċi għal saffi ġuridiċi u li jinkludi elementi ta' politika f'dan il-qasam. Għaldaqstant, il-firxa ta' attivitajiet imorru lil hinn miċ-ċiklu tal-ħajja normali ta' soluzzjonijiet biex tinkludi l-elementi kollha ta' intervent li jappoġġaw il-kundizzjonijiet ta' qafas meħtieġa għall-interoperabilità sostnuta b'mod ġenerali.
- (35) Il-baġit allokat għal attivitajiet speċifiċi ddedikati għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' interoperabbiltà u l-interoperabbiltà ta' soluzzjonijiet żviluppati huwa ta' EUR 194 miljun.

Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar **id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea**⁷⁰ tenfasizza l-importanza li jiġi żblukkat biżżejjed finanzjament pubbliku u privat għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija.

- (37) F'April 2016, il-Kummissjoni adottat l-inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea biex tiżgura li "kull industrija fl-Ewropa, ikun xi jkun is-settur tagħha, tinsab fejn tinsab, u irrispettivament mid-daqs tagħha, tkun tista' tibbenefika b'mod sħiħ mill-innovazzjonijiet diġitali".⁷¹

⁶⁹ COM(2016) 725 final.

⁷⁰

⁷¹

- (38) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew laqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni dwar "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea" u, flimkien mad-dokumenti ta' akkumpanjament, ikkunsidraha bħala "l-ewwel pass fi programm ta' ħidma Ewropew vast li għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib u reċiproka bejn il-partijiet interessati kollha pubbliċi u privati".⁷²

L-ilħuq tal-oġġettivi fil-mira jista' jirrikjedi l-ingranaġġ tal-potenzjal ta' teknoloġiji komplimentari f'oqsma ta' networking u computing, kif għe ddikjarat fil-Komunikazzjoni "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea"⁷³ li tirrikonoxxi "id-disponibbiltà ta' infrastruttura ta' networking u cloud ta' klassi dinjija" bħala ingredjent essenzjali għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija.

- (40) Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), applikabbli minn Mejju 2018 'il quddiem, billi jipprovdi sett wieħed ta' regoli applikabbli direttament fl-ordnijiet ġuridiċi tal-Istati Membri, se jiggarrantixxi l-fluss ħieles tad-data personali bejn l-Istati Membri tal-UE u jsaħħaħ il-fiduċja u s-sigurtà tal-individwi, żewġ elementi indispensabbli għal Suq Uniku Diġitali reali. Għalhekk l-azzjonijiet meħuda taħt dan il-Programm, meta dawn ikunu jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali, jenħtieġ li jappoġġaw l-applikazzjoni tal-GDPR, pereżempju, fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u fit-teknoloġija ta' katina ta' blokk ta' tranżazzjonijiet.
- (41) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'rispett sħiħ tal-qafas internazzjonali u tal-UE għall-protezzjoni u l-infurzar tal-proprietà intellettuali. Il-protezzjoni effettiva tal-proprietà intellettuali tilgħab rwol ewlieni fl-innovazzjoni u għalhekk huwa meħtieġ li-implimentazzjoni effettiva tal-Programm.
- (42) Il-korpi li jimplimentaw dan il-Programm għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u mal-leġislazzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-ġestjoni tal-informazzjoni, b'mod partikolari informazzjoni mhux klassifikata sensittiva u informazzjoni klassifikata tal-UE.
- (43) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjonijiet klimatiċi u jwassal għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25 % ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi tal-klima⁷⁴. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.
- (44) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw is-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm skont il-prijoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u l-kontinwità tal-azzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4 ta

⁷²

⁷³

⁷⁴

COM (2016) 180 final: Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea – Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' suq uniku diġitali.

COM(2018) 321 final, paġna 1

- (45) r-Regolament (UE) 182/2011⁷⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.
- (46) Fil-prinċipju, il-programmi ta' ħidma jenħtieġ li jiġu adottati bħala programmi ta' ħidma pluriennali, tipikament kull sentejn, jew, jekk dan ikun iġġustifikat minn ħtiġijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm, bħala programmi ta' ħidma annwali. It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksibu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.
- (47) Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tal-Anness II biex jiġu riveduti u/jew ikkomplimentati l-indikaturi. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.
- (48) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk imsemmija skont l-Artikoli [8], [11], [16], [21], [35], [38] u [47] fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, il-projbizzjoni tad-diskrimnazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni tal-konsumatur u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-Istati Membri bir-rispett ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.
- (49) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet meħtieġa għall-aċċess, kif ukoll l-aċċess, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.
- (50) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit

⁷⁵

Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li jipprevedu t-twettiq ta' verifiki rigward ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali (“il-Programm”).

Jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2021- 2027, il-forom ta’ finanzjament tal-Unjoni Ewropea u r-regoli għall-ġħoti ta’ dan it-tip ta’ finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet sostnuti mill-baġit tal-UE, inklużi dawk fi ħdan faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jikkombinaw forom ta' sostenn li mhumix rimborsabbli u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-UE b'forom ta' sostenn rimborsabbli minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp jew minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra, kif ukoll minn istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u minn investituri.
- (b) “Entità ġuridika” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista’, meta taġixxi f’isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika skont l-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju;
- (c) “Pajjiż terz” tfisser pajjiż li mhuwix Stat Membru tal-Unjoni;
- (d) “Pajjiż assoċjat” tfisser pajjiż terz li huwa parti minn ftehim mal-Unjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Programm skont l-Artikolu [10]; “Organizzazzjoni internazzjonali ta' interess Ewropew” tfisser organizzazzjoni internazzjonali, li l-maġġoranza tal-membri tagħha huma Stati Membri jew li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru;
- (e) “Hub ta’ Innovazzjoni Diġitali” tfisser entità ġuridika maħtura jew magħżula fi proċedura miftuħa u kompetittiva sabiex twettaq il-kompiti taħt il-Programm, b’mod partikolari billi ttipprova aċċess għall-għarfien espert teknoloġiku u għall-faċilitajiet ta’ esperimentazzjoni, bħal tagħmir u għodod ta’ softwer li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija.
- (f) “Ħiliet diġitali avvanzati” huma dawk il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex ifasslu, jiżviluppaw, jamministraw, jimplimentaw u jżommu t-teknoloġiji appoġġati minn dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-objettivi tal-programm

1. Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li ġej: li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropea u li jgħib l-benefiċċji tagħha liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej. Il-Programm se:
 - (a) isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Ewropa f'oqsma ta' teknoloġija diġitali prinċipali permezz ta' iskjerament fuq skala kbira,
 - (b) iwessa' t-tixrid u l-adozzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-settur privat.
2. Il-programm se jkollu ħames objettivi speċifiċi:
 - (a) L-Objettiv Speċifiku 1: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja
 - (b) L-Objettiv Speċifiku 2: L-Intelliġenza Artifiċjali
 - (c) L-Objettiv Speċifiku 3: Iċ-Ċibersigurtà u Fiduċja
 - (d) L-Objettiv Speċifiku 4: Il-Ħiliet Diġitali Avanzati
 - (e) L-Objettiv Speċifiku 5: L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-interoperabbiltà

Artikolu 4

Computing ta' Prestazzjoni Għolja

L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 1. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja għandu jsegwi l-objettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) jiskjera, jikkoordina fil-livell tal-Unjoni u jħaddem supercomputing integrat fuq skala eksa⁷⁶ u infrastruttura tad-data ta' klassi mondjali fl-Unjoni li għandhom ikunu aċċessibbli fuq bażi mhux kummerċjali għall-utenti pubbliċi u privati u għal skopijiet ta' riċerka ffinanzjata pubblikament;
- (b) jiskjera teknoloġija lesta biex tintuża/operattiva li tirriżulta mir-riċerka u l-innovazzjoni biex tinbena ekosistema integrata ta' computing ta' prestazzjoni għolja tal-Unjoni, li tkopri s-segmenti kollha tal-katina tal-valur xjentifiċi u industrijali, inkluż il-hardwer, is-software, l-applikazzjonijiet, is-servizzi, l-interkonnessjonijiet u l-ħiliet diġitali;
- (c) juża u jopera infrastruttura skala posteksa⁷⁷, inkluża l-integrazzjoni ma' teknoloġiji ta' quantum computing u jiżviluppa infrastrutturi ġodda ta' riċerka għax-xjenza tal-computing.

⁷⁶ Biljuni ta' biljuni ta' operazzjonijiet li jżommu fil-wieċ kull sekonda

⁷⁷ Elf darba aktar malajr fuq skala eksa

Artikolu 5

Intelliġenza Artifiċjali

L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 2. L-intelliġenza artifiċjali għandha ssegwi l-oġettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) tibni u ssaħħa il-kapaċitajiet ta' intelliġenza artifiċjali ewlenin fl-Unjoni, inklużi riżorsi tad-data u libreriji tal-algoritmi f'konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;
- (b) tagħmel dawk il-kapaċitajiet aċċessibbli għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha;
- (c) ttrinforsa u tinnetwerkja l-ittestjar tal- intelliġenza artifiċjali u l-faċilitajiet ta' esperimentazzjoni eżistenti fl-Istati Membri;

Artikolu 6

Ċibersigurtà u Fiducia

L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 3. Iċ-Ċibersigurtà u l-Fiducia għandhom ssegwi l-oġettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) jappoġġaw, flimkien mal-Istati Membri, l-akkwist ta' tagħmir avvanzati għaċ-ċibersigurtà, għodod u infrastrutturi tad-data b'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;
- (b) jappoġġaw l-aħjar użu tal-għarfien, tal-kapaċità u tal-ħiliet Ewropej relatati maċ-ċibersigurtà;
- (c) jiżguraw skjerament wiesa' tal-aħħar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà fl-ekonomija kollha;
- (d) jtrinforzaw il-kapaċitajiet fl-Istati Membri u s-settur privat biex jgħinuhom jissodisfaw id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni kollha⁷⁸.

Artikolu 7

Ħiliet Diġitali Avvanzati

L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 4. Il-Ħiliet Diġitali Avvanzati għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati f'oqsma appoġġati minn dan il-programm biex b'hekk jikkontribwixxu biex tikber il-ġabra ta' talenti fl-Ewropa, irawmu aktar professjonaliżmu, b'mod speċjali fir-rigward tal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-analitika tal-big data, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji ta' reġistru distribwit, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali. L-intervent finanzjarju għandu jsegwi l-oġettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ fit-tul u korsijiet għal-istudenti, il-professjonisti tal-IT u l-forza tax-xogħol;

⁷⁸

ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1-30

- (b) jappoġġa t-tfassil u t-twassil ta' taħriġ u korsijiet ta' terminu qasir għall-imprendituri, il-mexxejja tan-negozji ż-żgħar u l-forza tax-xogħol;
- (c) jappoġġa t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u apprendistati għall-istudenti, l-intraprendituri żgħażaġh u l-gradwati.

Artikolu 8

L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà

L-intervent finanzjarju mill-Unjoni skont l-Objettiv Speċifiku 5. L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà għandhom jiksbu l-objettivi operazzjonali li ġejjin:

- (a) jiżguraw li s-settur pubbliku u oqsma ta' interessi pubbliċi, bħalma huma s-saħħa u l-kura, l-edukazzjoni, il-ġudikatura, it-trasport, l-enerġija, l-ambjent, is-setturi kulturali u kreattivi, jistgħu jiskjeraw u jaċċessaw teknoloġiji diġitali avvanzati, b'mod partikolari l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà;
- (b) jiskjeraw, iħaddmu u jżommu l-Infrastrutturi ta' Servizz Diġitali interoperabbli trans-Ewropej (inklużi servizzi relatati) f'komplimentarjetà ma' azzjonijiet nazzjonali u reġjonali;
- (c) jiffaċilitaw l-iżvilupp, l-aġġornament u l-użu ta' soluzzjonijiet u oqfsa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, in-negozji u ċ-ċittadini, inkluż l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet u oqfsa ta' interoperabbiltà;
- (d) joffru lill-amministrazzjonijiet pubbliċi aċċess għall-ittestjar u l-pilotaġġ tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-użu transfruntier tagħhom;
- (e) jappoġġaw it-teħid tat-teknoloġiji avvanzati diġitali u dawk relatati, inkluż b'mod partikolari l-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġiji futuri u emerġenti mill-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs;
- (f) jappoġġaw it-tfassil, l-ittestjar, l-implimentazzjoni u l-iskjerament tas-soluzzjonijiet diġitali interoperabbli għas-servizzi pubbliċi fil-livell tal-UE mwassla permezz ta' pjattaforma ta' soluzzjonijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw u huma xprunati mid-data, it-trawwim tal-innovazzjoni u l-istabbiliment ta' oqfsa komuni sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-servizzi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej;
- (g) jiżguraw il-kapaċità kontinwa fil-livell tal-Unjoni li josservaw, janalizzaw u jadattaw ix-xejriet diġitali li qed jevolvu malajr, kif ukoll il-kondiviżjoni ul-integrazzjoni tal-aħjar prattiki.
- (h) jappoġġaw il-kooperazzjoni lejn il-kisba ta' ekosistema Ewropea għall-infrastrutturi li jgawdu l-fiduċja bl-użu ta' servizzi u applikazzjonijiet ta' reġistri distribwiti, inkluż l-appoġġ għall-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni u t-trawwim tal-iskjerament tal-applikazzjonijiet transkonfinali tal-UE.
- (i) jibnu u jsaħħu n-netwerk ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali.

Artikolu 9

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun EUR 9 194 000 000 fi prezzijiet attwali.
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi għandha tkun:
 - (a) sa EUR 2 698 240 000 għall-Objettiv Speċifiku 1, il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja
 - (b) sa EUR 2 498 369 000 għall-Objettiv Speċifiku 2, l-Intelliġenza Artifiċjali
 - (c) sa EUR 1 998 696 000 għall-Objettiv Speċifiku 3, iċ-Ċibersigurtà u l-Fiduċja
 - (d) sa EUR 699 543 000 għall-Objettiv Speċifiku 4, il-Ħiliet Diġitali Avanzati
 - (e) sa EUR 1 299 152 000 għall-Objettiv Speċifiku 5, L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-Interoperabbiltà
3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.
4. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin fi ħlasijiet parzjali annwali.
5. Riżorsi allokat li lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament Finanzjarju, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fl-ewwel programm ta' ħidma tista' tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 10

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

Il-programm għandu jkun miftuħ għal:

1. Il-Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea;
2. Pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, b'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u b'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u huma;
3. Il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-Deċiżjonijiet tal-

Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;

4. il-Pajjiżi terzi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteeipazzjoni tal-pajjiżi terzi fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, sakemm dak il-ftehim
 - jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteeipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu [21(5)] ta' [the new Financial Regulation];
 - ma jagħtix lill-pajjiżi terzi, is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-programm;
 - jigarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Artikolu 11

Kooperazzjoni internazzjonali

1. L-Unjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10, ma' pajjiżi terzi oħra u ma' organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali stabbiliti f'daww il-pajjiżi, b'mod partikolari fi dħan il-qafas tas-Sħubiji Ewro-Mediterranji u tal-Lvant u mal-pajjiżi fil-viċinat, b'mod partikolari daww tar-reġjuni tal-Balkani tal-Punent u tal-Baħar l-Iswed. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu [19], il-kostijiet relatati ma għandhomx jiġu koperti mill-programm.
2. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 taħt l-Objettiv Speċifiku 3. Iċ-ċibersigurtà u l-Fiduċja għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu [12].

Artikolu 12

Sigurtà

3. L-azzjonijiet imwettqa skont il-Programm għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' sigurtà applikabbli u b'mod partikolari mal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata kontra divulgazzjoni mhux awtorizzata, inkluża konformità ma' kwalunkwe liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti. Fil-każ tal-azzjonijiet imwettqa barra mill-Unjoni, huwa meħtieġ li, minbarra l-konformità mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq, irid ikun hemm konklużi ftehim ta' sigurtà bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi li fih titwettaq l-attività.
4. Fejn xieraq, il-proposti u l-offerti għandhom jinkludu awtovalutazzjoni tas-sigurtà li tidentifika kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà u li tagħti dettalji dwar kif se jiġu indirizzati daww il-kwistjonijiet sabiex ikunu konformi mal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.
5. Fejn xieraq, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament għandu jwettaq proċedura ta' skrutinju tas-sigurtà għall-proposti li jagħtu lok għal kwistjonijiet ta' sigurtà.

6. Fejn xieraq, l-azzjonijiet għandhom jikkonformaw mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444/KE⁷⁹, u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha.
7. Il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi wkoll li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati u entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-UE iżda kkontrollati minn pajjiżi terzi ma jkunux eliġibbli għall-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet kollha jew uħud minnhom skont l-Objettiv Speċifiku 3 għal raġunijiet ta' sigurtà. F'każijiet bħal dawn, sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti għandhom ikunu ristretti għal entitajiet stabbiliti jew meqjusa li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollat mill-Istati Membri u/jew minn ċittadini tal-Istati Membri.

Artikolu 13

Sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni

1. Il-Programm tfassal biex jiġi implimentat filwaqt li jippermetti sinerġiji, kif deskritt aktar fl-Anness III, ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti għall-finanzjament komplimentari minn programmi tal-UE fejn il-modalitajiet tal-ġestjoni jippermettu; jew f'sekwenza, f'mod li jalterni, jew permezz tat-tgħaqqid tal-fondi inkluż għall-finanzjament konġunt tal-azzjonijiet.
2. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u għodod ta' monitoraġġ xierqa sabiex b'mod sistematiku jiġu żgurati sinerġiji bejn il-Programm u kwalunkwe strument ta' finanzjament rilevanti tal-UE. L-arranġamenti għandhom jikkontribwixxi biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-infiq.

Artikolu 14

Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta flimkien ma' korpi msemmija fl-Artikoli 62(1)(c) u 58(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għall-Objettivi Speċifiċi 1 u 3. Il-korpi ta' finanzjament jistgħu jitbiegħdu mir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni stabbiliti f'dan ir-regolament jekk biss dan ikun previst fl-att bażiku li jwaqqaf il-korp ta' finanzjament u/jew jafda kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lilu jew, għall-korpi ta' finanzjament skont l-Artikolu 62(1)(c)(ii), (iii) jew (v) tar-Regolament Finanzjarju, jekk huwa previst fil-ftehim ta' kontribuzzjoni u l-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tagħhom jew in-natura tal-azzjoni tirrikjedi hekk.
2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, inkluż b'mod partikolari l-akkwist pubbliku bħala forma primarja kif ukoll għotjiet u premijijiet. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan operazzjonijiet ta' taħlit.
3. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri, u skont ir-Regolament

⁷⁹

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

Finanzjarju għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-[Artikolu X tar-] Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija] .

Artikolu 15

Sħubijiet Ewropej

Il-Programm jista' jiġi implimentat permezz ta' Sħubijiet Ewropej. Dawn jistgħu jinkludu b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet għal sħubijiet pubbliċi-privati eżistenti jew ġodda fil-forma ta' impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-TFUE. Għal dawn il-kontribuzzjonijiet, japplikaw dispożizzjonijiet relatati mas-Sħubijiet Ewropej skont ir-[Regolament Orizzont Ewropa, għandha tiżdied ref].

Artikolu 16

Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali

1. Matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Programm, għandu jiġi stabbilit netwerk inizjali tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali.
2. Għall-fini tal-istabbiliment tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jinnomina entitajiet kandidati permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv, abbażi tal-kriterji li ġejjin:
 - (a) kompetenzi xierqa relatati mal-funzjonijiet tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali;
 - (b) il-kapaċità ta' ġestjoni xierqa, il-persunal u l-infrastruttura;
 - (c) il-mezzi operattivi u legali biex jiġu applikati r-regoli ta' ġestjoni amministrattiva, kuntrattwali u finanzjarji stabbiliti fuq livell ta' Unjoni;
 - (d) garanziji finanzjarji xierqa, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, korrispondenti għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hija se tkun imsejħa li tamministra.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-għażla tal-entitajiet li jiffurmaw in-netwerk inizjali. Dawn l-entitajiet għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni minn fost l-entitajiet kandidati innominati mill-Istati Membri abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u l-kriterji addizzjonali li ġejjin:
 - (a) il-baġit disponibbli għall-finanzjament tan-netwerk inizjali;
 - (b) il-ħtieġa li n-netwerk inizjali jiżgura kopertura tal-ħtiġijiet tal-industrija u l-oqsma ta' interess pubbliku u kopertura ġeografika bbilanċjata u komprensiva.
4. Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali addizzjonali għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċess miftuħ u kompetittiv, b'mod li jiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa madwar l-Ewropa. L-għadd ta' entitajiet tan-netwerk għandu jkun proporzjonat għall-popolazzjoni ta' Stat Membri partikolari u għandu jkun hemm mill-inqas Hub ta' Innovazzjoni Diġitali waħda għal kull Stat Membru. Biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet speċifiċi affaċċjati mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, jistgħu jiġu nominati entitajiet speċifiċi biex ikopru l-ħtiġijiet tagħhom.
5. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali jistgħu jirċievu finanzjament fil-forom ta' għotjiet.

6. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali li jirċievu l-finanzjament għandhom jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm sabiex:
- (a) jipprovdu servizzi ta' trasformazzjoni diġitali - inkluż l-ittestjar u l-esperimentazzjoni tal-faċilitajiet - immirata lejn l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, anke f'setturi li huma kajmana fl-użu tat-teknoloġiji diġitali u teknoloġiji relatati;
 - (b) jittrasferixxu l-għarfien espert u l-knowhow bejn ir-reġjuni, b'mod partikolari permezz ta' networking għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja stabbiliti f'reġjun partikolari mal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali stabbiliti f'reġjuni oħra li huma l-aktar adattati biex jipprovdu servizzi rilevanti;
 - (c) jipprovdu servizzi tematiċi, fosthom servizzi marbuta mal-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà u l-fiduċja lill-amministrazzjonijiet, lill-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku, lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali individwali jistgħu jispeċjalizzaw f'servizzi tematiċi speċifiċi u m'għandhomx għalfejn jipprovdu s-servizzi tematiċi kollha msemmija f'dan il-paragrafu;
 - (d) jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-partijiet terzi, taħt l-oġettiv speċifiku 4, il-Filiet Diġitali Avanzati.

KAPITOLU II

ELIĠIBBILTÀ

Artikolu 17

Azzjonijiet eliġibbli

1. L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġettivi msemmija fl-Artikolu [3] u l-Artikoli [4]-[8] biss għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.
2. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-azzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fil-programmi ta' ħidma.

Artikolu 18

Entitajiet eliġibbli

1. Barra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju, għandhom japplikaw ukoll il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 4:
2. L-entitajiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli:
 - (a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi:
 - (i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;
 - (ii) pajjiż terz assoċjat mal-Programm;

- (b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.
3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat mal-Programm huma eċċezzjonalment eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjonijiet speċifiċi fejn dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Programm.
 4. Il-persuni fiżiċi ma għandhomx ikunu eliġibbli, ħlief għall-ġhotjiet mogħtija skont l-Oġettiv Speċifiku 4. Il-Ħiliet diġitali avvanzati.
 5. Il-programm ta' ħidma jista' jipprovdi li l-parteeipazzjoni tkun limitata għall-benefiċjarji stabbiliti fl-Istati Membri biss, jew għall-benefiċjarji stabbiliti fl-Istati Membri u pajjiżi terzi speċifikati assoċjati jew oħrajn għal raġunijiet ta' sigurtà jew azzjonijiet direttament relatati mal-awtonomija strateġika tal-UE.
 6. Jenħtieġ li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat mal-Programm, fil-prinċipju, iġarrbu l-kost tal-parteeipazzjoni tagħhom.

KAPITOLU III

GHOTJJET

Artikolu 19

Għotjiet

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-*Titolu VIII* tar-*Regolament Finanzjarju*.

Artikolu 20

Kriterji tal-għotjiet

1. Il-kriterji tal-għoti għandhom ikunu ddefiniti fil-programmi ta' ħidma u fis-sejthiet għall-proposti, filwaqt li jitqiesu bħala minimu l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-proġett;
 - (b) kemm hu tajjeb il-pjan ta' implimentazzjoni propost;
 - (c) l-effett stimolanti tal-appoġġ tal-Unjoni fuq l-investiment pubbliku u privat, meta applikabbli;
 - (d) il-ħtieġa li jingħeleb xkiel finanzjarju bħan-nuqqas ta' finanzi fis-suq;
 - (e) fejn applikabbli, l-impatt ekonomiku, soċjali, fuq il-klima u dak ambjentali, u l-aċċessibilità;
 - (f) fejn applikabbli, dimensjoni trans-Ewropea;
 - (g) fejn applikabbli, distribuzzjoni ġeografika bilanċjata fl-Unjoni kollha, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi.

- (h) meta jkun applikabbli, il-preżenza ta' pjan ta' sostenibbiltà fit-tul.

KAPITOLU IV

OPERAZZJONIJIET TA' TAĦLIT U FINANZJAMENT IMĦALLAT IEĦOR

Artikolu 21

Operazzjonijiet ta' taħlit

L-operazzjonijiet ta' taħlit deċiżi skont dan il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità mar-[regolament InvestUE] u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 22

Finanzjament kumulattiv, kumplimentarju u mħallat

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni mill-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull programm kontribwenti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet totali eliġibbli tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi prorata skont id-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-appoġġ.
2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi u komparattivi li ġejjin:
 - (a) dawn ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti skont il-Programm;
 - (b) dawn iħarsu l-ħtiġijiet minimi ta' kwalità ta' din is-sejħa għal proposti;
 - (c) dawn ma jistgħux jiġu ffinanzjati skont din is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew +, mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu [8] jew ir-Regolament (UE) XX [il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], sakemm tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-oġettivi tal-programm ikkonċernat. Ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ għandhom japplikaw.

KAPITOLU V

PROGRAMMAZZJONI, MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 23

Programmi ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal- programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Dawk il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati bħala programmi multiannwali għall-Programm kollu. Jekk ikunu ġġustifikati bi ħtiġijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi, huma jistgħu jiġu adottati wkoll bħala programmi annwali li jkopru Objettiv Speċifiku wieħed jew aktar.
3. L-ewwel programm ta' ħidma pluriennali għandu jiffoka fuq l-attivitajiet stabbiliti fl-Anness u għandu jiżgura li l-azzjonijiet appoġġati hemmhekk ma jeskludux il-finanzjament privat. Il-programmi ta' ħidma sussegwenti jistgħu jinkludu attivitajiet mhux inniżzla fl-Anness, sakemm dawn ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif stabbiliti fl-Artikoli [4 – 8].
4. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

Artikolu 24

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness II.
2. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm biex jikseb l-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex temenda l-Anness II biex tirrevedi jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies neċessarju u biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.
3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u l-Istati Membri.
4. Għandha tintuża sal-massimu tagħha l-istatistika uffiċjali tal-UE bħall-istħarriġiet regolari tal-ICT. L-istituti Nazzjonali tal-Istatistika għandhom jiġu kkonsultati u involuti flimkien mal-Eurostat fit-tfassil inizjali u l-iżvilupp ulterjuri tal-indikaturi statistiċi użati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm u l-progress li jkun sar fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni.

Artikolu 25

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu [1], għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.
4. Is-sistema ta' rapportar dwar l-evalwazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-evalwazzjoni tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, f'waqtu u f'livell xieraq ta' granularità mir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni;
5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Artikolu 26

Awditi

1. L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, inkluż oħrajn minbarra daww imqabbdha mill-Istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Is-sistema ta' kontroll għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li jitqiesu il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħrajn tal-kontrolli fil-livelli kollha.
3. Awditi tal-infiq għandhom jitwettqu b'mod konsistenti b'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.
4. Bħala parti mis-sistema ta' kontroll, l-istrateġija tal-awditu tista' tkun ibbażata fuq l-awditu finanzjarju ta' kampjun rappreżentattiv tal-infiq. Dak il-kampjun rappreżentattiv għandu jiġi kkomplementat b'għażla bbażata fuq valutazzjoni tar-riskji relatati mal-infiq.
5. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament kumulattiv minn programmi differenti tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba biss, billi jiġu koperti l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

Artikolu 27

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 24 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 24 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumix se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 28

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-programm permezz ta' deċiżjoni taħt ftehim internazzjonali jew permezz ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 29

Informazzjoni, komunikazzjoni, pubbliċità, appoġġ ta' politika u disseminazzjoni

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu [3].
3. Il-Programm għandu jipprovdi appoġġ lill-iżvilupp tal-politika, il-komunikazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' attivitajiet u jippromwovi kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza fl-oqsma msemmija fl-Artikoli 4 sa 8.

Artikolu 30

Tħassir

1. Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-komplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament ir-Regolament (UE) Nru 283/2014⁸⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240⁸¹, li għandu jkompli japplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 u skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240⁸².
3. Fejn hu meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu [9(4)], sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompletati sal-31 ta' Diċembru 2027.

⁸⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).

⁸¹ ID-DEĊIŻJONI (UE) 2015/2240 TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku.

⁸² ID-DEĊIŻJONI (UE) 2015/2240 TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

4. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.5. Durata u impatt finanzjarju
- 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.3. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Investimenti Strateġiċi Ewropej

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸³

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew dirottat ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-mira hija li l-programm jibda jopera mill-bidu tiegħu fl-2021.

Fir-rigward tal-metodi tat-tweqqif għall-implimentazzjoni tal-programm, huwa propost li tintuża kemm ġestjoni diretta kif ukoll ġestjoni indiretta.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' ġestjoni diretta, huwa previst li l-ewwel sejħiet jiġu varati fi tmiem l-2020. Fl-eventwalità ta' delegazzjoni lil Aġenzija Eżekuttiva, din għandha tkun suġġetta għar-risultati tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji u d-deċiżjonijiet relatati li jridu jittieħdu.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri wehldhom.*

Il-proposta fil-Programm Ewropa Diġitali tindirizza oqsma fejn l-investiment tal-UE għandu valur miżjud ċar ibbażat fuq tliet kriterji:

- oqsma fejn il-finanzjament meħtieġ huwa tant sinifikanti li l-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel din id-diġitalizzazzjoni f'waqtha waħdu

- oqsma fejn ikun hemm ħtieġa li tinġabar flimkien ir-riżorsi (qawwa tal-kompjuter, għarfien espert dwar id-data) li huma mifruxa madwar l-Ewropa, u

- oqsma fejn l-interoperabbiltà hija importanti

⁸³

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Prinċipju ta' gwida tal-proposta huwa l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE. Illum hemm rieda politika ċara li jiġi indirizzat b'kooperazzjoni dak li qabel kien isir fil-livell domestiku. Għalhekk, l-UE hija f'pożizzjoni unika biex tippjana, tiffinanzja b'mod konġunt, u tikkoordina azzjonijiet fuq skala li tista' tissodisfa dawn l-isfidi, u tiżgura li l-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali ġodda huma sfruttati totalment miċ-ċittadini u n-negozji fl-Istati Membri kollha. L-azzjoni koordinata multilaterali tista' wkoll tevita d-duplikazzjoni, tikkapitalizza fuq is-sinerġiji billi torbot il-finanzjament ma' kundizzjonijiet ta' qafas, tissalvagwardja l-interoperabbiltà, u tevita punti li ma jkunux qed jidhru jew qasma diġitali ġeografika maġġuri. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u l-iskala tal-investiment meħtieġ, hemm għalhekk każ b'saħħtu għal intervent mill-UE.

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-programmi eżistenti jkopru ċerti aspetti importanti relatati mat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà: (i) l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni li jmiss, (ii) l-appoġġ għall-proġetti ta' infrastruttura diġitali taħt is-CEF – fejn l-esperjenza tal-QFP attwali wriet li l-programm kien l-aħjar wieħed għall-konnettività fiżika, (iii) l-appoġġ għall-Midja taħt il-Programm Ewropa Kreattiva, u (iv) l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni fir-reġjuni tal-UE permezz tal-ESIF. Dawn huma investimenti importanti u jeħtieġ li jtkomplew fil-QFP li jmiss. Madankollu dawn mhumiex suffiċjenti. Bħalissa m'hemm l-ebda programm li jippermetti li l-UE kollha kemm hi taġixxi bħala l-ewwel innovatur fl-akkwist tal-kapaċitajiet diġitali komuni f'oqsma essenzjali li jirfdu t-tkabbir, l-impjiegi u s-sostenibbiltà ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, jiġifieri l-informatika avvanzata u d-data, iċ-ċibersigurtà u l-intelliġenza artifiċjali.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Il-programm Ewropa Diġitali jikkomplimenta u jifforma sinerġiji ma' għadd ta' strumenti proposti oħra fil-QFP ta' wara l-2020, b'mod partikolari: Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF2), il-Fond tal-Valuri tal-UE, Ewropa Kreattiva (inkluż il-programm Media), il-Fond InvestEU, COSME, il-FEŻR, il-Fond Soċjali Ewropew + (inkluża l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ u ħiliet diġitali bażiċi), Erasmus +, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati), Ġestjoni tal-Fruntieri Interna, il-Fond għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (inkluż għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Is-sinerġiji bejn il-programmi se jagħmlu l-investimenti aktar effettivi u jagħtu valur aħjar għaċ-ċittadini. Huma ser iżidu l-impatt tal-investimenti diġitali fil-livell tal-UE fuq il-post, filwaqt li l-investiment diġitali nazzjonali u reġjonali se jkunu f'pożizzjoni aħjar li jikkomplimentaw il-programm tal-UE.

Billi żżid l-impatt u l-effikaċja tal-fondi pubbliċi permezz ta' konnessjonijiet prattiċi bejn il-programmi differenti, l-UE ser tindirizza l-isfidi diġitali b'mod aktar immirat u b'mod issimplifikat; toħloq aktar impjiegi, iżżid it-tkabbir u tixpruna l-kompetittività. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, għandha tingħata attenzjoni biex il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern tiġi konservata.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☒ durata limitata

- ☒ fis-seħħ mill-2021 sal-2027
- ☒ L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet tal-impenji u mill-2021 sal-2031 għall-appropriazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ durata illimitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁸⁴

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☒ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☒ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☒ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-programm se jiġi implimentat direttament mill-Kummissjoni u/jew minn aġenzija eżekuttiva eżistenti skont l-eżitu ta' analiżi tal-kostijiet imqabbel mal-benefiċċji futuri jew indirettament ma' entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju.

Għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva, il-ġestjoni diretta hija preżunta bl-għan li jsiru l-aktar proġettazzjonijiet prudenti.

⁸⁴

Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali (DESI) huwa stabbilit bħala strument ta' referenza biex jitkejjel il-progress tad-diġitalizzazzjoni fl-UE. L-istrument DESI huwa bbażat fuq għadd ta' indikaturi li huma derivati minn analiżi ta' statistika rigoruża. Id-data se tinġabar ukoll minn sorsi oħra, inklużi sħarriġiet speċjali.

L-output u l-indikaturi tal-impatt huma definiti b'rabta mal-oqsma ewlenin tal-programm (l-informatika ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, il-ħiliet diġitali avvanzati, l-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-interoperabilità).

Ir-rispons mill-monitoraġġ annwali se jippermetti li jiġu adattati l-istruttura u l-ġestjoni tal-programmi skont ir-riżultati miksuba. L-indikaturi eżistenti jistgħu jintużaw minn sħarriġiet annwali tal-ICT, u mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol. Jistgħu jitwettqu sħarriġiet speċjali. Il-ġbir ta' data mingħand DESI se jkun ikkumplementat b'taġħrif ġenerat mill-programm stess.

L-arranġamenti ta' evalwazzjoni *ex post*, sa fejn ikun possibbli, se jassorbu minn tekniki ta' valutazzjoni kontrofattwali tal-impatt. Hemm ipplanati evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u oħra finali, u għandhom jitwettqu fil-livelli ta' pilastru u ta' programm.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-modi ta' ġestjoni

Il-programm se jiġi implimentat direttament kif previst fir-Regolament Finanzjarju jew indirettament ma' entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 58(1)(c) [62(1)(c) il-ġdid] tar-Regolament Finanzjarju. Il-modi ta' implimentazzjoni se jkollhom jiżguraw li jinkiseb koinvestiment mal-Istati Membri bl-aktar mod flessibbli.

Strumenti ta' Fondi

Il-Programm se jiġi implimentat permezz ta' sett ta' għodod ta' strumenti disponibbli offruti mir-Regolament Finanzjarju, b'konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ta' politika reali, il-ħtieġa għal flessibilità massima matul il-perjodu kollu tal-programm u l-kontroll tal-kosteffettività filwaqt li jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi u li tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq:

L-istrumenti ta' akkwist - bil-maqlub ta' pajjiżi oħra fid-dinja - sa issa ma ġewx użati b'mod estensiv mill-Istati Membri tal-UE f'oqsma bħall-HPC jew iċ-ċibersigurtà. Iktar akkwist konġunt mill-Istati Membri jista' jippermetti lill-Ewropa tisfrutta l-kisbiet fl-effiċjenza u jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' koordinazzjoni fis-sistemi ta' akkwist. Il-Programm se jwassal għal massa kritika għall-akkwist, filwaqt li jikseb valur aħjar għall-flus fl-akkwisti. Se jiżgura wkoll rabta aktar stretta mal-forniment tat-teknoloġija li tiggarantixxi li l-fornituri nazzjonali jibqgħu fuq quddiem nett tal-avvanzi teknoloġiċi.

Il-Programm se jagħmel użu mill-għotjiet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

L-użu tal-istrumenti finanzjarji huwa previst b'mod partikolari fir-rigward tal-ilħuq tal-oġġettivi relatati mas-settur privat għad-diġitalizzazzjoni/l-Intelliġenza Artifiċjali (AI). Strumenti finanzjarji għal AI se jitwasslu bl-użu tal-garanzija baġitarja li se tiġi proposta fil-qafas InvestEU.

Il-Programm ser jipprovdi taħlit ta' fondi li fost ħwejjeġ oħra jippermettu l-provvediment ta' għotjiet flimkien ma' strumenti finanzjarji.

L-istrateġiji ta' kontroll

L-istrateġiji ta' kontroll se jqisu r-riskju tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u l-għodod ta' finanzjament rispettivi.

B'mod partikolari, il-kuntratti ta' akkwist tal-innovazzjoni previsti, li se jikkonċernaw l-ammonti partikolarment għoljin, se jeħtieġu strateġija ta' kontroll speċifika.

Għall-għotjiet se tiġi stabbilita strateġija ta' kontroll xierqa u din ser tiffoka fuq tliet stadji ewlenin tal-implimentazzjoni ta' għotja, skont ir-Regolament Finanzjarju

- L-organizzazzjoni ta' sejħiet u l-għażla ta' proposti li jissodisfaw l-oġġettivi tal-politika tal-programm
- Il-kontrolli operattivi, tal-monitoraġġ u *ex-ante* li jkopru l-implimentazzjoni tal-proġett, l-akkwist pubbliku, il-prefinanzjament, il-pagamenti interim u finali, il-ġestjoni ta' garanziji
- Kontrolli *ex-post* tal-proġetti u l-pagamenti.

Din l-istrateġija ta' kontroll mistennija tagħti riżultati tal-prestazzjoni b'konformità mal-metrika osservata għall-ewwel iterazzjoni tal-programm

- ~ 100 % ta' eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament;
- ~100 % tal-benefiċjarji informati fil-ħin; aktar minn 95% tal-għotjiet iffirmati fil-ħin;
- ~ 100 % tal-pagamenti mħallsa fil-ħin;
- rata tal-iżball residwu (RER) qrib taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2%.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji li ġejjin ġew identifikati:

- Dewmien fit-twaqqif ta' strutturi ta' implimentazzjoni dedikati,
- Dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti,
- Żbalji possibbli jew ġestjoni ħażina/ użu ħażin tal-fondi tal-UE,

L-implimentazzjoni tal-programm se tiffavorixxi, kull fejn possibbli, għodod tal-implimentazzjoni tal-għotjiet inqas suxxettibbli għall-iżbalji, inkluż pereżempju somom f'daqqa.

Il-funzjonijiet ewlenin ta' kontroll previsti għall-programm jinkludu l-iffokar fuq l-oġġettivi tal-politika, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi ta' kontroll intern (L&R, il-kontroll

tal-effiċjenza u l-effettività tal-kostijiet). Dawn se jkollhom l-għan li jiżguraw l-involvement tal-atturi kollha, flessibilità baġitarja xierqa u kontrolli *ex-ante* u *ex-post* konsistenti u jistgħu jiġu differenzjati skont ir-riskju.

Il-kontrolli se jkunu appoġġati ta' kull sena minn isfel għal fuq b'valutazzjoni tar-riskju, permezz ta' valutazzjoni sistematika tal-qafas ta' kontroll, rappurtar tad-devjazzjonijiet adatt (reġistru tal-eċċezzjonijiet u n-nonkonformità) u azzjonijiet korrettivi meħuda fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew mill-Awtorità tal-Kwittanza.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Kostijiet u benefiċċji tal-kontrolli

Il-kost totali tal-kontrolli, inklużi l-kostijiet fil-livell tal-Kummissjoni, l-aġenzija eżekuttiva u l-korpi ta' implimentazzjoni, huwa stmat li jkun madwar 3.55 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali fil-livell tal-programm.

Bis-suppożizzjoni li l-Programm se jitmexxa kompletament mill-Kummissjoni mingħajr l-appoġġ ta' aġenzija eżekuttiva, jew korp ta' implimentazzjoni, il-kost tal-kontroll ikun sostanzjalment ogħla u jista' jkun madwar 7.7% tal-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-livell tal-programm.

Il-kontrolli previsti għandhom l-għan li jiżguraw sorveljanza effettiva u bla xkiel tal-entitajiet ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni u li jiżguraw il-livell meħtieġ ta' assigurazzjoni fil-livell tal-Kummissjoni.

Il-benefiċċji tal-kontrolli huma dawn li ġejjin:

- L-evitar ta' għażla ta' proposti aktar dgħajfa jew insuffiċjenti.
- L-ottimizzar tal-ippjanar, u l-użu tal-fondi tal-UE, biex jinżamm il-valur miżjud tal-UE.
- L-assigurazzjoni tal-kwalità tal-ftehimiet ta' għotja, b'evitar tal-iżbalji fl-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi, filwaqt li jiġi żgurat il-kalkolu korrett tal-Kontribuzzjonijiet tal-UE u billi jittieħdu l-garanziji meħtieġa biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-għotjiet.
- Is-sejbien ta' kostijiet ineliġibbli fl-istadju tal-pagament.
- Is-sejbien ta' żbalji li jolqtu l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-istadju tal-awditjar.

Barra minn hekk, se jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju *ex-ante* u se jintużaw mekkaniżmi ta' riskju aktar baxx bħal somom f'daqqa, kostijiet standardizzati u/jew formoli standard tal-proġett.

Livell ta' żball stmat

L-għan huwa li tinżamm ir-rata ta' żball residwu taħt il-limitu ta' 2% tal-Programm kollu, filwaqt li jiġi limitat il-piż tal-kontroll għall-benefiċjarji ħalli jinkiseb bilanċ tajjeb bejn l-għan ta' legalità u regolarità u objettivi oħra bħalma huma l-attrazzjoni tal-Programm b'mod partikolari għall-SMEs u l-kostijiet tal-kontrolli.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Id-DĠ CONNECT bħala mexxejja għall-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Diġitali u l-baġit tiegħu huwa ddeterminat li jiġġieled kontra l-frodi f'kull stadju tal-proċess tal-ġestjoni. Id-DĠ żviluppa u jimplimenta strateġija komprensiva kontra l-frodi li tkopri l-attivitajiet kollha ewlenin tan-negozju u r-riskji tal-frodi identifikati. Dan jinkludi użu msaħħaħ ta' tiftix tal-informazzjoni bl-użu ta' għodod tal-IT avvanzati (speċjalment fil-ġestjoni tal-għotjiet) u taħriġ u informazzjoni kontinwi għall-persunal.

L-Istrateġija attwali tad-DĠ Kontra l-Frodi li tkopri l-ġestjoni tal-għotjiet, il-ġestjoni tal-kuntratti/akkwist u l-ġestjoni indiretta/superviżjoni ta' partijiet terzi (aġenziji, impriżi konġunti) u ċerti elementi dwar l-etika u l-kondotta, se jiġu aġġornati wara r-reviżjoni tal-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni fl-2018. Dan se jkopri wkoll kwalunkwe riskji speċifiċi tal-programm Ewropa Diġitali, li jeħtieġ li jitqiesu.

B'mod ġenerali, is-sett sħiħ ta' miżuri ta' kontroll proposti għandu wkoll l-għan li jkollu impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-frodi individwat fl-implimentazzjoni ta' programmi komparabbli fil-Kummissjoni kien baxx ħafna meta mqabbel mal-proporzjoni tan-nefqa totali; madankollu, id-DĠ CONNECT la qed jiġi inkarigat bl-implimentazzjoni tal-baġit tad-DEP jibqa' impenjat li jikkumbattih.

Il-leġiżlazzjoni se tiżgura li l-kontrolli ewlenin bħall-awditi u/jew kontrolli fuq il-post jistgħu jiġu mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, li jużaw id-dispożizzjonijiet standard rakkomandati mill-OLAF.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru Intestatura...I Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	Diff./Mhux diff. ⁸⁵	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ⁸⁶	mingħand il-pajjiżi kandidati ⁸⁷	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
	02.06 – Programm Ewropa Diġitali 02.01.04 Nefqa amministrattiva 02.06.01 Ċibersigurtà 02.06.02 HPC 02.06.03 Intelliġenza artifiċjali 02.06.04 Ħiliet 02.06.05 Skjerament 02.06.05.01 Interoperabbiltà	Mhux diff Diff Diff Diff Diff Diff Diff	IVA	IVA (jekk speċifikat i fil-programm ta' ħidma annwali)	IVA, limitat għal xi parti tal-Programm	LE

⁸⁵ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Non-diff. = Approprijazzjonijiet Mhux Differenzjati

⁸⁶ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁸⁷ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa⁸⁸

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali			1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali							
			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
02.06.01 Ċibersigurtà ⁸⁹	Impenji	(1)	284,892	322,244	327,578	248,382	253,295	258,214	263,316		1.957,922
	Pagamenti	(2)	21,221	102,765	150,212	167,336	156,475	150,124	148,074	1.061,715	1.957,922
02.06.02 HPC	Impenji	(1)	384,604	435,030	442,232	335,314	341,950	348,589	355,477		2.643,196
	Pagamenti	(2)	28,648	138,733	202,786	225,903	211,241	202,668	199,899	1.433,316	2.643,196
02.06.03 Intelliġenza artifiċjali	Impenji	(1)	356,115	402,805	409,474	310,476	316,619	322,768	329,146		2.447,402
	Pagamenti	(2)	26,526	128,457	187,765	209,170	195,594	187,656	185,092	1.327,144	2.447,402
02.06.04 Ħiliet	Impenji	(1)	99,712	112,786	114,652	86,933	88,653	90,375	92,161		685,272
	Pagamenti	(2)	7,428	35,968	52,574	58,567	54,766	52,544	51,826	371,597	685,272
02.06.05 Skjerament	Impenji	(1)	161,219	184,025	186,511	134,149	136,361	138,576	141,303		1.082,144
	Pagamenti	(2)	5,545	41,855	72,106	82,157	74,704	69,103	66,789	669,886	1.082,144
02.06.05.01 Interoperabbiltà ⁹⁰	Impenji	(1)	23,960	25,433	26,415	27,299	28,281	29,263	29,852		190,505

⁸⁸ It-totali jafu ma jaqblux bl-eżatt minhabba l-arrotondament.

⁸⁹ Id-distribuzzjoni tal-baġit operazzjonali bejn ħames (5) objettivi speċifiċi hija indikattiva. Din ser tiġi riveduta billi jitqies l-iżvilupp tat-teknoloġiji, is-suq u l-implimentazzjoni tal-programm.

	Pagamenti	(2)	8,249	24,942	25,532	26,612	27,005	28,477	29,459	20,229	190,505
Appropriazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)	1.310,502	1.482,323	1.506,862	1.142,553	1.165,160	1.187,785	1.211,256		9.006,441
	Pagamenti	(2)	97,617	472,721	690,975	769,744	719,785	690,573	681,139	4.883,886	9.006,441
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill- pakkett tal-programm ⁹¹	Impenji = Pagamenti	(3)	27,038	30,234	30,744	24,165	24,642	25,120	25,618		187,559
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	1.337,540	1.512,557	1.537,606	1.166,718	1.189,802	1.212,905	1.236,874		9.194,000
	Pagamenti	=2+3	124,655	502,955	721,719	793,909	744,427	715,693	706,757	4.883,886	9.194,000

⁹⁰ Ġestjoni minn DG DIGIT jew parti tal-Artikoli 8 (b) u (c) biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp, l-aġġornament u l-użu ta' soluzzjonijiet u oqfsa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, in-negozji u ċittadini, inkluż l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet u oqfsa ta' interoperabbiltà

⁹¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	--------------------------------

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani		45,888	51,890	52,748	40,024	40,812	41,601	42,424		315,388
Nefqa amministrattiva oħra		1,490	1,519	1,549	1,580	1,613	1,644	1,679		11,078
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	47,378	53,410	54,298	41,605	42,426	43,246	44,103		326,466

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1.384,918	1.565,967	1.591,904	1.208,323	1.232,228	1.256,151	1.280,977		9.520,466
	Pagamenti	172,033	556,365	776,017	835,514	786,853	758,939	750,860	4.883,886	9.520,466

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	45,888	51,890	52,748	40,024	40,812	41,601	42,424	315,388
Nefqa amministrattiva oħra	1,490	1,519	1,549	1,580	1,613	1,644	1,679	11,078
Subtotal INTESTATURA 7 tal- qafas finanzjarju pluriennali	47,378	53,410	54,298	41,605	42,426	43,246	44,103	326,466

Barra l-INTESTATURA 7⁹² tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								

⁹² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	27,038	30,234	30,744	24,165	24,642	25,120	25,618	187,559
Subtotal Barra l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	27,038	30,234	30,744	24,165	24,642	25,120	25,618	187,559

TOTAL	74,416	83,644	85,042	65,77	67,068	68,366	69,721	514,025
--------------	---------------	---------------	---------------	--------------	---------------	---------------	---------------	----------------

L-approprijazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprijazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		231	261	266	201	205	209	214
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED ⁹³								
Intestatura 7								
Iffinanzjati mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	173	196	199	151	154	157	160
	- fid- Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill- pakkett tal- programm ⁹⁴	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid- Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		404	457	464	352	359	366	373

⁹³ AC= Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

⁹⁴ Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Implimentazzjoni operazzjonali tal-programm Ewropa Diġitali, inklużi l-miżuri ta' appoġġ u kostijiet ta' koordinazzjoni.
Persunal estern	Implimentazzjoni operazzjonali tal-programm Ewropa Diġitali, inklużi l-miżuri ta' appoġġ u kostijiet ta' koordinazzjoni.

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati	p.m	p.m	p.m	p.m	p.m	p.m	p.m	p.m

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁹⁵						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

⁹⁵

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.